

20
17

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ

# IMPATT
# FIL-ĠEJJIENI

Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

60 sena

**Rapport tal-Attività 2017 tal-Bank Ewropew tal-Investiment**
© Bank Ewropew tal-Investiment, 2018.
Kull dritt riżervat.
Il-mistoqsijiet kollha dwar id-drittijiet u l-liċenzjar għandhom jiġu indirizzati lil publications@eib.org

Il-BEI jixtieq jirringrazzja lill-promoturi u l-fornituri li ġejjin
għar-ritratti li jidhru f'dan ir-rapport:

© Shutterstock, Skeleton Technologies, Rewilding Europe,

EcoTitanium, Stefan Tuschy, Andreas Fritsch, Johannes Kassenberg, Vinci

L-awtorizzazzjoni biex dawn ir-ritratti jiġu riprodotti jew użati trid tinkiseb direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Stampat minn Imprimerie Centrale fuq karta MagnoSatin permezz ta' linka bbażata fuq iż-żejt veġetali. Iċċertifikata skont ir-regoli tal-Forest Stewardship Council (FSC), il-karta tikkonsisti f'100% ta' fibra verġni (li minnha tal-anqas 50% hija minn foresti mmaniġġjati sew).

Irċievi n-newsletter elettronika tagħna fuq www.eib.org/sign-up

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C103749

# Werrej


4




Kelmtejn qabel mill-President

6



2017 Punti Ewlenin

8



Il-ħsieb tal-BEI

Min iħallas għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità? 8

10




Attivitajiet tal-BEI

Impatt għall-impjiegi u t-tkabbir 10

12



INNOVAZZJONI għall-kompetittività

Superkapaċitaturi jew ġewż tal-Indì 14
Ċipru maqsuma iżda magħquda bil-ġeni 16

18



Investimenti kbar f'negozji ŻGĦAR

Rokits u dinosawri li jgħinu lit-tfal isiru aktar intelliġenti 20
Mikrofinanzjament għal rifuġjat Sirjan u espert tat-tango 22

24


INFRASTRUTTURA biex nikkollegaw l-Ewropa

Kif Pariġi qed tagħmilha eħfef biex wieħed idur mal-belt 26
Kanal ta' investiment biex jissewwew il-pajpijiet tal-Italja 28

30


Il-klima u l-ambjent għal ġejjieni SOSTENIBBLI

L-imgħax imħallas bi żwiemel selvaġġi 32
Pjan għal belt ekoloġika 34
Ir-riċiklaġġ jagħti lill-Ewropa provvista importanti ta' titanju 36

38


L-attur GLOBALI

Ħajja ġdida għall-Baħar il-Mejjet 40
Fejn l-Etjopja tmexxi lill-Ewropa 42

44


Minn fejn jiġi l-FINANZJAMENT

Aħbarijiet ekoloġiċi tajbin miċ-Ċina 45

46


GOVERNANZA li hija sostenibbli, risponsiva u viġilanti

L-ikklassifikar ta' finanzjament sostenibbli 46
Ilħna mismugħa: Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti 48
Attenti: Kontra l-Frodi 50
Xi jmiss? 52

# **KELMTEJN QABEL** mill-President




Hekk kif l-Ewropa toħroġ minn deċennju ta' inċertezza u tkabbir anemiku, neħtieġu ndawru l-attenzjoni tagħna mill-irkupru għal aktar kompetittività—għall-valur il-kbir tal-proġett tal-UE u t-tisħiħ tal-għodod biex l-Unjoni tkun aktar reżiljenti ekonomikament.

Għall-Bank Ewropew tal-Investiment, dan ifisser li tiġi ingranata l-pożizzjoni ewlenija tagħna bħala l-bank tal-Unjoni Ewropea u l-istatus tagħna bħala mexxej fis-suq globali f'oqsma bħall-klima, l-innovazzjoni u infrastruttura prinċipali.

Dan ifisser li jkompli jistinka biex jidentifika proġetti li ser itejbu l-ħajjiet taċ-ċittadini tal-UE u ta' dawk barra mill-Unjoni, fejn l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u n-nuqqas ta' opportunitajiet ekonomiċi kultant huma l-akbar. U dan ifisser li tingħata għajnuna biex jitqiegħdu l-pedimenti għal Ewropa aktar b'saħħitha, aktar innovattiva, u aktar kompetittiva.

Bħala bank, il-BEI jiffinanzja pontijiet u broadband, enerġija solari u superkapaċitaturi. Naħsbu wkoll fil-fond dwar ir-rwol li l-proġetti tagħna għandhom fil-prosperità futura tal-Ewropa. Niffokaw fuq il-mogħdija fejn l-innovazzjoni tista' tkun at-



“L-innovazzjoni mhix biss kwistjoni ta’ idea brillanti. Hija mibnija madwar tipi differenti ta’ finanzjament meħtieġa fi stadji speċifiċi taċ-ċiklu tal-ħajja ta’ kumpanija. Il-ħidma tal-BEI fl-2017 kienet dejjem aktar immirata biex tnaqqas id-distakk bejn kull wieħed minn dawk l-istadji differenti.”

tur fix-xenarju trijomfanti li jmiss fl-iżvilupp ta’ soċjetà umana. Nilqgħu t-taqlib, iżda ċ-ċittadini tagħna m’għandhomx iħossuhom aljenati minħabba dan. L-innovazzjoni tinkludi wegħda li l-iżviluppi teknoloġiċi importanti tal-lum jistgħu jgħajxu l-ġejjieni tar-razza umana u jipproteġu l-pjaneta tagħna. Irridu nagħmlu aktar biex niżguraw l-inklużjoni, sabiex kulħadd jista’ jibbenefika mill-innovazzjoni.

F’Novembru l-ekonomisti tal-BEI ppubblikaw rapport fil-fond dwar l-investiment fl-Ewropa. Huma skoprew: id-ditti kbar huma darbtejn aktar probabbli li jkunu innovaturi aktar mill-SMEs; u d-ditti ġodda innovattivi huma 50 % aktar probabbli li jkunu ristretti bil-kreditu minn ditti oħrajn. Bħalissa falliment wieħed kbir fl-Ewropa huwa li anke jekk kumpanija żgħira jkollha idea innovattiva, huwa diffiċli għal dik il-kumpanija biex issir innovatur kbir. Ditti żgħar jistgħu jintroduċu prodott innovattiv, iżda għandhom nuqqas ta’ finanzjament għat-tkabbir u, fl-ambjent kurrenti tal-finanzjament, ma jistgħux jagħmlu progress. Dan juri li l-innovazzjoni mhix biss kwistjoni ta’ idea brillanti. Hija mibnija madwar tipi differenti ta’ finanzjament meħtieġa fi stadji speċifiċi taċ-ċiklu tal-ħajja ta’ kumpanija. Il-ħidma tal-BEI fl-2017 kienet dejjem aktar immirata biex tnaqqas id-distakk bejn kull wieħed minn dawk l-istadji differenti biex jattira t-tipi diversi ta’ finanzjaturi privati, li jmexxu t-tkabbir tal-innovatur permezz tal-investiment tagħhom. Huwa għalhekk, pereżempju, li approvajna numru rekord ta’ selfiet b’daqs medju li huwa ħafna iżgħar mill-offerti tradizzjonali tal-BEI. Ngħarfu li rridu nappoġġjaw kumpaniji aktar żgħar b’selfiet aktar żgħar, jekk irridu li jkollna impatt ikbar fuq settur rappreżentattiv usa’ tal-ekonomija Ewropea.

F’ċertu sens, il-BEI huwa mdorri li jimmaniġġja żminijiet ta’ inċertezza u bidla. Fl-2018 niċċelebraw is-sittin sena tal-attivitajiet tagħna. Il-fundaturi tagħna operaw f’kontinent li kien għadu qed jinbena wara t-Tieni Gwerra Dinjija fid-dell tal-Gwerra Bierda. Sa minn dak iż-żmien, il-BEI kellu rwol importanti biex jgħin lill-Ewropa twettaq il-wegħda ta’ prosperità liċ-ċittadini tagħha. It-taqlib politiku tal-lum jippreżentalna għażla għas-sittin sena li jmiss tagħna. Irridu naraw li l-ġejjieni jkun innovattiv, jekk irridu naffrontaw id-demografiki li huma ta’ sfida għall-Unjoni tagħna u nkunu aktar kompetittivi. Dan ir-rapport juri kif, f’setturi strateġiċi ewlenin, il-BEI jimmira li jżomm l-Ewropa b’saħħitha billi jsaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fuq il-fruntiera tal-innovazzjoni globali.

**Werner Hoyer**

# 2017 PUNTI EWLENIN

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja, li jiffinanzja u joffri konsulenza dwar investimenti sostenibbli mad-dinja kollha. Bħala l-bank tal-UE, l-azzjonisti huma l-Istati Membri tal-UE u jirrappreżenta l-interessi tagħhom billi jimplimenta l-politika tal-UE.**

Fl-2018 il-Bank ifakkar is-sittin anniversarju tiegħu. L-attività tiegħu fl-2017, li ser taqra dwarha f'dan ir-rapport, turi l-kapaċità tal-Grupp tal-BEI biex iwieġeb għal sfidi ġodda ewlenin:

- Matul is-sena, il-Bank ħadem biex jespandi l-medda tal-Inizjattiva tar-Reżiljenza Ekonomika tiegħu, li hija mfassla biex iżżid il-finanzjament fil-Viċinat ta' Nofsinhar tal-UE u fil-Balkani tal-Punent b'EUR 6 biljun matul ħames snin.

- Il-**Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi**, li taħtu l-Bank jagħmel investimenti appoġġati minn garanzija talbaġit tal-UE biex jagħti spinta lill-ekonomija tal-Ewropa, qabel l-aspettattivi oriġinali, meta l-Parlament Ewropew f'Diċembru vvota biex jestendi u jżid il-faċilità. Għaldaqstant, l-FEIS, parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa maħluq b'rispons għall-fallimenti tas-suq żvelati mill-kriżi finanzjarja għaxar snin ilu, laħaq projezzjoni ta' EUR 500 biljun ta' investiment appoġġat sa tmiem l-2020.

## Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa

EUR **21** biljun ta' finanzjament approvat

f'**295** operazzjoni approvati

EUR **93** biljun ta' investiment relatat mal-FEIS immobilizzat

EUR **500** biljun ipprojettati ta' investiment appoġġat sat-tmiem tal-2020



Christos Pierdas għaddej bi trattament għal sklerożi multipla ma' Maria Charalampous, fiżjoterapista fis-Cyprus Institute of Neurology and Genetics. Ara l-istorja, paġna 16

**Grupp tal-BEI**

EUR **78.16** biljun

**Finanzjament totali**



EUR **29.6** biljun

għall-**SMES**

EUR **18.0** biljun

għall-**Infrastruttura**

EUR **16.7** biljun

għall-**Ambjent**

EUR **13.8** biljun

għall-**Innovazzjoni**

**Investiment totali appoġġjat**

EUR **250** biljun

f'**901** proġett approvat



# Min iħallas għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità?

**Il-bank tal-UE qed jinvesti f'kumpaniji ġodda taċ-ċibersigurtà li jafu kif iwaqqfu ċ-ċiberkriminalità**

Anders Bohlin iħobb iqabbel il-perikli taċ-ċiberkriminalità ma' belt li tibni ħafna toroq — iżda tinsa żżid id-dwal tat-traffiku.

"Dan hu dak li ġara fiċ-ċibersigurtà. Insejna nibnu d-dwal tat-traffiku, u issa għandna dawn l-attakki malizzjużi kollha għaddejjin," jgħid Bohlin, speċjalista diġitali fil-Bank Ewropew tal-Investiment li jaħdem ma' kumpaniji tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Matul l-aħħar ftit snin, iċ-ċiberattakki heddew eluf ta' kumpaniji u d-dejta privata ta' biljuni ta' persuni mad-dinja kollha. L-attakk WannaCry għalaq is-sistemi ta' kompjuters fi sptarijiet u negozji mad-dinja kollha. Il-hackers serqu d-dejta minn biljuni ta' utenti ta' Uber u Yahoo. Ir-Russja ġiet akkużata li użat iċ-ċiberkriminalità biex ittellef l-elezzjonijiet fl-Istati Uniti u l-Ewropa.

Allura għaliex ninkwetaw daqshekk dwar kif inwaqqfu ċ-ċiberkriminalità? Mela, apparti t-theddidiet għad-dejta personali tagħna, iċ-ċiberattakki jikkawżaw telf ta' biljuni ta' dollari fl-ekonomija globali. Il-Kummissjoni Ewropea tgħid li kien hemm aktar minn 4 000 attakk ta' ċiberkriminalità kuljum fl-Ewropa fl-2017 u li 80 % tal-kumpaniji Ewropej kellhom inċident ta' ċibersigurtà.



“Xi ħadd irid iħallas għal din u xi ħadd irid jiġġielidha”

## Iċ-ċibersigurtà ssir prijorità

B’rispons għar-riskji li qed jiżdiedu, il-BEI pprijoritizza l-investimenti fiċ-ċiberkriminalità.

“Qegħdin nippruvaw ngħinu s-settur taċ-ċibersigurtà b’mod attiv,” jgħid Jussi Hätönen, kap tal-unità tal-Bank li tinvesti f’kumpaniji ġodda u innovattivi. “Jekk tagħti ħarsa lejn kwalunkwe industrija, kulħadd miexi lejn id-diġitali. L-ammont ta’ dejta b’hekk jespandi sew, u dik id-dejta trid tinżamm sigura.”

Il-Bank riċentement ikkonkluda bosta negozji taċ-ċiberkriminalità dan l-aħħar. Iffirma żewġ selfiet f’Diċembru 2017 mal-kumpaniji Żvediżi Nexus Group u Clavister biex jiżviluppaw aktar softwer avvanzat taċ-ċibersigurtà u joħolqu sistemi ta’ identifikazzjoni aħjar. Iż-żewġ negozji huma parti mill-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi, inizjattiva biex jiżdied it-tkabbir fl-UE b’ħidma ma’ kumpaniji aktar ġodda u innovattivi.

Il-Bank silef lil Nexus EUR 29 miljun biex jgħinha taċċellera l-identità tagħha u taċċessa prodotti għall-immaniġġjar. It-teknoloġija “Smart ID” ta’ Nexus tippermetti lin-nies jidentifikaw lilhom infushom viżwalment, jilloggjaw, jiftħu bibien, jiffirmaw tranżazzjonijiet elettronikament u jagħmlu pagamenti b’kard jew apparat mobbli ieħor.

Lars Pettersson, il-kap eżekuttiv ta’ Nexus, qal li t-teknoloġija Smart ID tagħha hija s-“Sangreal” kontra t-theddid ċibernetiku peress illi tagħlaq id-distakk bejn id-dinjiet fiżiċi u diġitali b’apparat wieħed li jagħti aċċess lill-utenti għad-dar, l-uffiċċju, il-kompjuter, il-kontijiet tal-posta elettronika, is-servizzi fil-cloud, il-garaxx tal-karozza, u aktar.

Il-BEI offra self ta’ EUR 20 milijun biex jgħin lil Clavister, li għandha prodotti tal-firewall li jipproteġu l-punti tad-dħul ta’ netwerks tal-kompjuter u li jimblokkaw il-hackers qabel ma dawn jattakkaw. Il-kumpanija hija waħda mid-ditti ewlenin taċ-ċibersigurtà fid-dinja.

F’Ottubru 2017, il-Bank iffirma wkoll negozju ta’ EUR 20 miljun ma’ CS Communication & Systèmes, ditta Franċiża li tgħin lill-industrija jsibu u jimpedixxu attakki ċibernetiċi. Il-BEI ta self ta’ EUR 25 milijun lill-kumpanija Franko-Ġermaniża Qwant, li żviluppat magna tat-tiftix li tipproteġi d-dejta privata tal-utenti.

## “Kulħadd jeħtieġ li joqgħod attent”

Bohlin ma jieħux pjaċir jitkellem dwar dan, iżda huwa wkoll kien vittma taċ-ċiberkriminalità. Meta kien jaħdem ma’ kumpanija tat-teknoloġija Żvediża 14-il sena ilu, jum minnhom skopra li l-hackers kienu infiltraw il-kompjuter privat tiegħu f’hekk imsejjaħ attakk Zombie u kienu qed jibagħtu posta elettronika mhux mixtieqa b’mod remot. “Kien perjodu anzjuż ħafna u tagħlima għalija li kulħadd jeħtieġ li joqgħod attent, mhux biss il-kumpaniji,” qal Bohlin.

Ser ikun aktar diffiċli biex tiġi miġġielda ċ-ċiberkriminalità matul id-deċennju li jmiss hekk kif it-teknoloġija tavvanza u ssir aktar ikkumplikata, jgħidu l-uffiċjali tal-BEI. Il-battalja mhix ser tintrebaħ faċilment.

“Fl-aħħar mill-aħħar iċ-ċiberkriminalità toħloq telf massiv mhux biss lill-kumpaniji iżda wkoll lill-individwi,” jgħid Hätönen. “Xi ħadd irid iħallas għal din u xi ħadd irid jiġġielidha”

Il-BEI ser ikun magħhom fuq quddiem f’din il-ġlieda.

# **Attivitajiet** tal-BEI

## Impatt għall-impjiegi u t-tkabbir

**L-ekonomija tal-Ewropa kellha bżonn imbutattura biex tirkupra xi ftit mid-dinamiżmu tagħha wara l-kriżi finanzjarja. Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa kellu l-mira li jipprovdi dik l-ispinta. Il-mudelli ekonomiċi tagħna juru li qed jaħdem**

L-ekonomisti tal-BEI użaw mudell ekonomiku stabbilit sew biex jevalwaw l-impatt futur tal-investimenti appoġġati mill-**operazzjonijiet kollha tiegħu** matul l-2015-16, kif ukoll tas-selfiet li għamel speċifikament taħt il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi tal-Pjan ta' Investiment. Huma sabu li **t-tislif tal-Grupp tal-BEI probabbli li jkollu impatt ewlieni fuq l-ekonomija tal-Ewropa**.

Sal-2020 **il-finanzjament globali approvat mill-Grupp tal-BEI** fl-UE fl-2015-2016 ser:
- jappoġġa EUR 544 biljun ta' investiment
- **iżid 2.3 % mal-PDG**
- **iżid 2.25 miljun impjieg**

Sal-2020 il-finanzjament globali approvat mill-Grupp tal-BEI fl-UE fl-2016-2016 ser:
- jappoġġa EUR 161 biljun ta' investiment
- **iżid 0.7% mal-PDG tal-UE**
- **iżid 690 000 miljun impjieg**

Ir-riżultati tal-BEI juru li s-selfiet tal-Grupp tal-BEI – sew fi żminijiet ekonomiċi tajbin kif ukoll f'dawk ħżiena – iħejju l-pedimenti għal tkabbir fuq żmien twil, u mhux biss jipprovdu spinta immedjata għall-ekonomija. "L-iskop ewlieni tagħna huwa li ntejbu l-kompetittività u t-tkabbir fuq żmien twil tal-UE," tgħid Debora Revoltella, id-direttriċi tal-ekonomija tal-Bank. "Dawn ir-riżultati juru li fuq żmien twil, ser ikollna ekonomija Ewropea ferm akbar, irrispettivament miċ-ċiklu ekonomiku."

### Suċċess fil-ġlieda kontra falliment tas-suq

Huwa importanti għall-Grupp tal-BEI li jevalwa l-impatt tal-ħidma tiegħu, sabiex jiżgura li l-finanzjament tiegħu jkun effettiv f'isem iċ-ċittadini tal-UE. It-tislif tal-bank tal-UE taħt il-Pjan ta' Investiment diġà ġie milqugħ fi Brussell, fejn il-programm ġie estiż u d-daqs tiegħu żdied. Il-Fond Ewropew






“Il-Pjan beda jmexxi l-ekonomija, u qiegħda timxi b'mod awtosuffiċjenti”

għal Investimenti Strateġiċi, li huwa mħaddem mill-BEI, beda f'nofs l-2015. Huwa appoġġat minn garanzija mill-baġit tal-UE u oriġinarjament kien maħsub li ser jiskatta EUR 315 biljun ta' investiment matul it-tliet snin. Dan żdied għal EUR 500 biljun sal-2020.

Il-mira hija li jappoġġa kumpaniji li inkella jista' jkollhom diffikultajiet biex isibu finanzjament mill-banek, u huwa mmirat lejn oqsma ewlenin ta' innovazzjoni u negozji żgħar. “Fassalna dan il-programm b'rispons għal kriżi meta kien hemm fallimenti speċifiċi fis-suq,” qalet Natacha Valla, kap tat-taqsima tal-politika u l-istrateġija ekonomika tal-BEI. “Dan l-istudju juri li qegħdin nagħmlu differenza.”

## Preżunzjonijiet konservattivi

Sabiex ikejlu l-impatt tiegħu, l-ekonomisti tal-BEI kellhom iqisu l-interazzjoni kumplessa bejn l-operazzjonijiet tal-Bank u attivitajiet oħra fl-ekonomija. L-ekonomisti ngħaqdu maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea f'Sivilja u ħadmu b'mudell ekonomiku msejjaħ RHOMOLO li ntuża biex jiġi kkalkulat jekk il-finanzjament pubbliku li qiegħed isir dejjem aktar skars hux qed jintuża b'mod effettiv. “Konna konservattivi fil-preżunzjonijiet li għamilna fil-mudell,” jgħid Georg Weiers, ekonomista tal-BEI li ħadem fuq l-istudju, “ u madankollu r-riżultati tal-impatt xorta huma ferm sostanzjali.”

Ladarba l-ispinta inizjali għall-ekonomija tbatti, l-istudju juri li l-Pjan ta' Investiment ser ikompli jkollu effett strutturali b'saħħtu fuq l-ekonomija fuq żmien twil, bħas-selfiet l-oħra tal-Grupp tal-BEI.

Fl-2036, l-investimenti appoġġati mis-**selfiet tal-Grupp tal-BEI approvati taħt il-Pjan ta' Investiment** sa tmiem l-2016 ser:
- **iżidu 0.4% mal-PDG**
- **iżidu 344 000 miljun impjieg**

L-investiment globali appoġġat mis-selfiet approvati fl-istess perjodu 2015-16 mill-Grupp tal-BEI ser ikollu impatt ferm aktar wara 20 sena. Dan ser:
- **iżid 1.5% mal-PDG**
- **iżid 1.3 miljun impjieg**

“L-impatt huwa kbir u jippersisti maż-żmien,” tgħid Valla. “Fi żmien 20 sena, ser għad ikun hemm impjiegi li huma r-riżultat ta' dawn l-investimenti. Dan huwa riżultat pożittiv ewlieni mill-Pjan ta' Investiment u l-operazzjonijiet kollha tal-Bank.”

# **Innovazzjoni** għall-kompetittività





Kofundaturi ta' Skeleton Taavi Madiberk (xellug) u Oliver Ahlberg

# EUR 13.8 biljun għall-**innovazzjoni u l-ħiliet**

- **7.44** miljun konnessjoni diġitali ġdida u aġġornata b'Veloċità Għolja Ħafna
- **1.1** miljun student b'faċilitajiet imtejba

# Superkapaċitaturi jew ġewż tal-Indì

**L-ingredjent ewlieni f'apparat potenti għall-ħażna tal-enerġija kien ġewż tal-Indì maħruq. Issa kumpanija fl-Estonja, pajjiż miksi bis-silġ, sabet kif tagħmel superċapaċitatur mingħajr il-frotta tropikali**

"Il-problema bil-qxur tal-ġewż tal-Indì, naturalment, hija li d-distribuzzjoni u d-daqs tal-pori tagħhom għandhom varjabbiltà kbira," jgħid Taavi Madiberk, kap eżekuttiv ta' Skeleton Technoloġies, kumpanija stabbilita fl-Estonja fejn, wieħed jistenna, il-problema ewlenija bil-ġewż tal-Indì tkun il-probabbiltà żgħira biex dawn jinstabu, aktar milli l-kwalitajiet tal-qxur tagħhom. Dak li huwa tassew sorprendenti huwa l-fatt li kumpanija f'dan il-pajjiż tat-Tramuntana qed isolvi problema tassew importanti tal-ġewż tal-Indì.

Din il-problema tal-ġewż tal-Indì, fil-fatt, hija problema ta' bosta miljuni ta' euro, meta tqis id-daqs tas-suq għal superkapaċitaturi, li huma tagħmir għall-ħażna tal-enerġija. Sal-2024 hija mistennija li titla' għal EUR 6 biljun. S'issa kienu magħmula minn karbonju attivat iġġenerat mill-ħruq ta' qxur mormi tal-ġewż tal-Indì. Dan sakemm ma ġiet żviluppata alternattiva inorganika – u ħafna aktar effiċjenti – minn Skeleton Technologies. Fl-2017, il-kumpanija rċeviet self ta' EUR 15-il miljun mill-BEI biex tkompli r-R&Ż tagħha, appoġġat mill-garanzija tal-baġit tal-UE tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa.

"L-ultrakapaċitaturi huma s-sinsla, l-iskeletru ta' sistema ta' enerġija."



## Għaliex ma jibqax jintuża l-ġewż tal-Indì?

Meta ġewża tal-Indì tinħaraq, din tipproduċi karbonju li, jekk jiġi mifrux irqiq fuq folja ta' fojl u espost għal joni ċċarġjati bl-elettriku, jista' jaħżen il-joni fil-pori tagħha. Aktar ma l-karbonju jiġi mgħotti densament bil-pori tad-daqs it-tajjeb, aktar ma jista' jaħżen enerġija għal gramma speċifika ta' materjal. Il-problema hija, skont it-

temp u ż-żmien meta tinħasad, ġewża tal-Indì maħruqa jista' jkollha densità varjanti ta' pori.

Bil-teknoloġija propjetarja tagħha li tidderiva karbonju minn karburi inorganiċi, Skeleton Technologies tista' tirfina l-pori. Ir-riżultat: folji kkurvati bi ħxuna ta' atomu wieħed, u li gramma waħda minnha fiha kważi 2 000 metru kwadrat ta' żona poruża uniformi biex joqogħdu fihom il-joni. Skeleton imbagħad tgħaqqad il-karbonju mal-fojl tal-aluminju u tagħmel munzelli jew rombli issikkati b'dawn il-folji f'ċelluli u b'dan il-mod toħloq superkapaċitaturi b'erba' darbiet id-densità ta' potenza ta' kompetituri bbażati fuq il-ġewż tal-Indì. Inċidentalment, l-isem Skeleton ġej mill-fatt li taħt mikroskopju, il-materjal tal-kumpanija jixbah skeletru uman. Madiberk iżid jgħid, "L-ultrakapaċitaturi huma s-sinsla, l-iskeletru ta' sistema ta' enerġija."



# Ċipru maqsuma iżda magħquda bil-ġeni

**Is-Cyprus Institute of Neurology and Genetics jagħti spinta lir-riċerka u l-kura tal-pazjenti tiegħu – għal Ċiprijotti Griegi u Torok**

Meta Joseph Ioannou kellu sitt xhur, it-tobba tas-Cyprus Institute of Neurology and Genetics ta' Nikosija għamlu dijanjosi fuqu li kien isofri minn atrofija muskolari tas-sinsla, marda li taffettwa l-motonewruni tal-ispina dorsali u twassal għal djgħufija tal-muskoli. Ġara li, f'belt maqsuma minn invażjoni li seħħet kważi għoxrin sena qabel twelidu, Ioannou twieled Ċiprijott Grieg. Dan ma kienx jimporta għat-tobba tal-Istitut. "Iċ-Ċiprijotti Torok u ċ-Ċiprijotti Griegi għandhom mard simili," jgħid il-Professur Leonidas Phylactou, ġenetiċista li huwa l-kap eżekuttiv tal-Istitut. "Hija parti mill-missjoni tagħna li nittrattaw iż-żewġ komunitajiet."

Għal 29 sena, Ioannou ngħata dik il-kura vitali fl-Istitut, fejn jara newroloġista, kif ukoll speċjalisti tal-pulmun u tal-qalb, u dietologu. Jagħmel ukoll żjarat għal sessjonijiet regolari ma' fiżjoterapista. Fl-istess żmien lesta l-istudji fix-xjenza tal-kompjuters u stabbilixxa n-negozju tiegħu stess biex isewwi l-PCs. Mgħarras biex jiżżewweġ, huwa joħlom li jkollu familja. "Li kieku ma kontx ikkurat fl-Istitut, kieku kont inkun f'kundizzjoni ħafna agħar," huwa qal. "Bil-gwida u s-segwitu tal-Istitut, għandi kwalità ta' ħajja aħjar. Jien produttiv. Għandi ħolm u nagħmel pjanijiet għall-futur tiegħi."

Ioannou huwa wieħed mit-12 000 pazjent fuq ir-reġistri tal-Istitut, li jinsab fuq għolja f'Nikosija, qrib il-Linja l-Ħadra li taqsam il-gżira bejn iż-żona taħt il-kontroll tar-Repubblika ta' Ċipru u t-territorju okkupat mit-Turkija sa mill-1974. L-Istitut jagħmel 40 000 test tal-laboratorju kull sena, jiġġieled kontra mard ġenetiku magħruf mad-dinja kollha, bħall-isklerożi multipla, kif ukoll xi wħud li huma partikolarment prevalenti f'Ċipru, bħall-marda tad-demm thalassemia. Stabbilit fl-1990, l-Istitut huwa wkoll ċentru tar-riċerka għal trattamenti għal dan il-mard. L-aktar ħaġa importanti, is-alva l-ħajjiet. "Il-ħajja kienet tkun diffiċli ħafna, ħafna għal dawn in-nies mingħajr l-Istitut," jgħid Phylactou, li għandu 47 sena. "Nasal biex ngħid li xi wħud minnhom ma jgħixux."

## Lil hinn mis-saħħa, impatt soċjali

Bħal bosta faċilitajiet mediċi importanti, l-impatt tal-Istitut jinfirex lil hinn mis-saħħa tal-pazjenti tiegħu. L-effett tiegħu fuq il-ħajja soċjali u ekonomika ta' Ċipru huwa sinifikanti, billi jżomm lin-nies b'saħħithom biżżejjed biex jaħdmu, u jimpedihom milli jsiru piż fuq il-familji tagħhom u fuq l-istat. L-Istitut jagħmel ittestjar qabel it-twelid għat-thalassemia, pereżempju, u dan baxxa r-rata ta' din il-marda għal "kważi żero issa" fit-trabi tat-twelid, jgħid Phylactou.

Sabiex jiżviluppa aktar il-ħidma importanti tiegħu, is-Cyprus Institute of Neurology and Genetics bħalissa għaddej bi programm ta' espansjoni ta' EUR 40 miljun li se jaġġorna l-kapaċitajiet tar-riċerka tiegħu u jimmodernizza l-faċilitajiet għat-trattament u r-rijabilitazzjoni tal-pazjenti. Il-BEI qed



"Iċ-Ċiprijotti Torok u ċ-Ċiprijotti Griegi għandhom mard simili. Hija parti mill-missjoni tagħna li nittrattaw iż-żewġ komunitajiet."

jiffinanzja EUR 26 miljun tal-programm b'self li għandu l-mira li jappoġġa prinċipalment il-ħidma ta' riċerka u żvilupp tal-Istitut. "Dan huwa ċentru importanti ħafna għar-riċerka," jgħid Nicos Yiambides, l-uffiċjal għas-self f'Ċipru tal-BEI. "Hija wkoll ħaġa tajba ħafna li jaħdem maż-żewġ komunitajiet f'Ċipru."

Il-BEI, il-bank tal-UE, iffinanzja sensiela ta' faċilitajiet mediċi u tar-riċerka f'Ċipru bħala parti minn kampanja ikbar biex jagħti spinta lill-ekonomija tal-gżira, li kienet meqruda minn kriżi bankarja fl-2012 u l-2013. Din tinkludi l-German Oncology Centre, li nfetaħ fil-ħarifa 2017 f'Limassol, iffinanzjat mill-BEI permezz ta' intermedjarju lokali.

Il-Grupp tal-BEI ffirma EUR 1.7 biljun ta' finanzjament għal Ċipru matul l-aħħar ħames snin, inkluż self kbir immirat għar-riċerka, finanzjament għall-infrastruttura, u self immirat lejn in-negozji ż-żgħar. Is-selfiet fl-2017 biss ammontaw għal total ta' EUR 333 miljun, ekwivalenti għal 1.8 % tal-PDG tal-gżira, l-ogħla proporzjon ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE.

## Mur online għal aktar informazzjoni dwar Innovazzjoni tal-BEI

- Iċ-ċikkulata kardijaka tal-Latvja eib.org/cardiac-chocolate
- It-testijiet dijanjostiċi li jieħdu biss tliet sigħat, minflok tlett ijiem eib.org/molecular-diagnostics



# Investimenti kbar f'**negozji** ŻGĦAR





# EUR 29.6 biljun

## biljun **għal intrapriżi ta' daqs żgħir u medju**

- Appoġġati **285,800** SME u kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja
- Appoġġati **3.9** miljun impjieg f'SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja



# Rokits u dinosawri li jgħinu lit-tfal isiru aktar intelliġenti

**L-intraprenditur Portugiż li telaq mill-impjieg tiegħu fil-finanzjament biex jilgħab bil-ġugarelli**

Jekk xi ħaġa tiżżelleġ, tagħmel il-ħsejjes, hija stramba jew tagħmel riħa, it-tfal iħobbuha.

Dan huwa dak li rrealizza Miguel Pina Martins għaxar snin ilu meta kien qed ifittex karriera ġdida. Huwa ħass li t-tfal ma kinux jieħdu dak li jridu mill-ġugarelli tax-xjenza, u għalhekk telaq minn impjieg promettenti fil-finanzjament u fetaħ il-kumpanija tiegħu stess biex joffri xi ħaġa differenti. "Tfajt il-flus kollha fil-proġett il-ġdid tiegħi," jgħid Martins.

Illum, il-kumpanija tiegħu, Science4You, ibbażata qrib Lisbona, toffri mijiet ta' ġugarelli u jimpjega aktar minn 200 ruħ. Fl-2008, il-bejgħ tal-kumpanija kien ta' EUR 54 000. Fl-2017, il-bejgħ huwa mistenni li jilħaq l-EUR 20 miljun.

## Ebda limitu għall-ġugarelli tax-xjenza

Allura x'għamel differenti Martins? Huwa għamel il-ġugarelli tax-xjenza aktar tad-daħq u mhux tas-soltu. Il-kits tal-ġugarelli tahom ismijiet bħal Explosive Science, Rocket Factory jew Slimy Factory Slippery Slugs. Il-kunċett tiegħu żviluppa minn proġett finali f'università f'Lisbona, fejn il-kompitu kien li jinstab suq ġdid għal ġugarelli xjentifiċi. "Ippruvajna nsibu affarijiet li jieħdu gost bihom it-tfal, bħal jagħmlu sapun, jagħmlu żlieġa, jagħmlu rokit, jagħmlu l-ħelu, jagħmlu splużjoni, u mbagħad nuruhom ukoll kif jagħmlu dan b'metodu ġdid," huwa jgħid.

Il-ġugarelli ta' Martins huma divertenti u anke boloh, iżda jgħallmu wkoll lit-tfal dwar ix-xjenza, il-kimika u l-fiżika, filwaqt li jtejbu l-kreattività u l-ħiliet soċjali. Il-logħbiet irawmu wkoll il-kurżità u sensibilizzazzjoni dwar l-ambjent madwar it-tfal. Il-kumpanija tippubblika l-blogg Little Scientist, li jgħallem lit-tfal għaliex jittewbu, għaliex jigdem in-nemus u għaliex ir-trijangoli huma importanti.

Il-Bank silef EUR 10 miljun biex jgħin lil Science4You tikber. Is-self huwa parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, li għandu l-mira li jagħti spinta lil kumpaniji iżgħar u innovattivi li l-banek kummerċjali jikkunsidraw bħala mhux wisq ġodda jew riskjużi żżejjed. "Science4You hija kumpanija li qed tikber malajr li bdiet bħala proġett akkademiku, u kull sena qed jikbru u juru rendikonti finanzjarji pożittivi," jgħid Francisco Alves da Silva, l-uffiċjal għas-self tal-BEI li għamel il-negozju. Science4You ser tikkombina s-self tal-BEI ma' EUR 10 miljun tal-flus tagħha stess biex tinvesti f'tagħmir aħjar biex timmonta l-ġugarelli, ittejjeb il-bejgħ u l-promozzjonijiet, u toħloq ideat ġodda għal ġugarelli. Il-kumpanija, li tbiegħ 40 % tal-ġugarelli tagħha fil-Portugall, ser tuża wkoll il-finanzjament biex tespandi fl-Ewropa u lil hinn.

## Massimizzar tal-kapaċitajiet konjittivi

Minbarra fwieħa, sapun u żlieġ, Science4You toffri kits ta' ġugarelli dwar spas, mediċina, dinosawri, kimika, rokits, splużjonijiet, kristalli u tisjir. Kull kit huwa bbażata fuq studji xjentifiċi u jinkludi kotba gwida kkuluriti u ddettaljati li jispjegaw l-esperimenti u r-riċerka.

Il-kumpanija hija anke divertenti fir-reklamar tagħha. Il-vidjos tagħha għal Perfume Factory, Lipstick Factory jew Explosive Science juru xjentist iferra' likwidu f'likwidu ieħor u mbagħad jisplodi l-laboratorju tiegħu. "Nemmnu li lħaqna l-bilanċ tajjeb bejn edukazzjoni u divertiment, meta l-Omm u l-Missier jixtru ġugarell edukattiv u meta t-tfal iridu tassew jilagħbu bih," jgħid Martins. "Huwa dejjem ferm diffiċli biex issib dan il-bilanċ."

"Ippruvajna nsibu affarijiet li jieħdu gost bihom it-tfal, bħal jagħmlu sapun, jagħmlu żlieġa, jagħmlu rokit, jagħmlu l-ħelu, jagħmlu splużjoni, u mbagħad nuruhom kif jagħmlu dan b'metodu ġdid."



Vera Marques (xellug) u Madalena Ribeiro minn Science4You jmexxu esperimenti divertenti f'festin t'għeluq snin Carlota Costa.

# Mikrofinanzjament għal rifuġjat Sirjan u espert tat-tango

**Microlux tagħti l-opportunità lil persuni esklużi soċjalment fil-Lussemburgu biex imexxu n-negozji tagħhom stess**

Wara sena jaħdem fi spiżerija fil-Lussemburgu, ir-rifuġjat Sirjan Mahmoud Al-Fayyad sema' dwar ditta ta' mikrofinanzjament lokali, microlux. "Jien dejjem kont kok b'passjoni kbira", huwa ħaseb. "Għaliex ma nippruvax? Wara kollox, it-tisjir huwa mod eċċellenti biex taqsam il-kultura ma' ħaddieħor". L-ikel fir-ristorant li fetaħ huwa kollu msajjar minn nisa rifuġjati Sirjani. F'Syriously hemm post għal 100 persuna f'dar mogħtija għas-somma simbolika ta' EUR 1 minn sid ta' proprjetà li ltaqa' ma' Mahmoud permezz tar-Red Cross tal-Lussemburgu. Ta' sikwit huwa kompletament ibbukkjat għaż-żewġ servizzi ta' filgħaxija tiegħu.

"Issa qed nimpjega tmien persuni u ddeċidejt li nħallas lura s-self fi żmien sentejn," huwa qal. "Dan il-mikrokreditu għenni nibda ħajja ġdida u nikkontribwixxi għall-ekonomija tal-patrija l-ġdida tiegħi. Jien tassew grat lejn il-persuni kollha li fdaw fiha u appoġġawni mill-bidu nett".

Sa minn Marzu 2016, microlux, istituzzjoni tal-mikrokreditu appoġġata mill-Fond Ewropew tal-Investiment bis-saħħa tal-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali tal-UE, qiegħda tagħti t-tama lill-intraprendituri ż-żgħar tal-Lussemburgu. Għalkemm il-Lussemburgu huwa pajjiż sinjur bi tkabbir sod, fih ukoll partijiet b'insigurtà ta' impjiegi u faqar. Ebda istituzzjoni lokali ta' mikrofinanzjament ma kellha l-Lussemburgu fil-mira qabel.

Fil-Lussemburgu, il-FEI, li huwa parti mill-Grupp tal-BEI, jistima li n-numru potenzjali tal-applikazzjonijiet ta' self jkunu 400 fi żmien ħames snin. Huwa importanti, tgħid Karin Schintgen, li tirrappreżenta l-azzjonist ewlieni ta' microlux BGL BNP Paribas, billi "fl-Ewropa, 30 % tan-negozji ġodda mikro u żgħar huma miftuħa minn persuni mingħajr impjiegi".

## Passjoni għat-tango

B'self ta' EUR 10 000 minn microlux, Rodolfo Aguerrodi ġab it-tango mill-belt tiegħu, Buenos Aires, biex jistabbilixxi Dance Factory fil-Lussemburgu, fejn ilu joqgħod għal tliet snin. "Bdejt nagħti lezzjonijiet fi klabbs tal-istituzzjonijiet Ewropej,



iżda mal-ewwel ħassejt li kien hemm bżonn li din id-dixxiplina ssir aktar professjonali," jgħid Aguerrodi.

Huwa jħallas EUR 258 fix-xahar. Huwa ammont żgħir, iżda huwa t-tip ta' kreditu li jżomm l-ekonomija tal-Ewropa miexja sew. "Stajna nkomplu naħdmu mingħajr is-self, iżda dan għenna nevitaw diffikultajiet finanzjarji u nikkonċentraw fuq in-negozju ewlieni tagħna," jgħid Aguerrodi.

Huwa jimpjega tmien għalliema u għandu klassi mimlija kważi kull jum tal-ġimgħa. Dan jinkludi klassijiet taż-żfin bħala terapija għall-kura tal-mard ta' Parkinson u Alzheimer.

Għalhekk anke f'pajjiż ġeneralment għani bħal-Lussemburgu, hemm domanda għall-mikrokreditu.



"Jien tassew grat lejn il-persuni kollha li fdaw fiha u appoġġawni mill-bidu nett"

## Mur online għal aktar SMEs tal-BEI




- Fittex aktar cartoons tagħna tal-kumpaniji tal-bidu, The Brood, mill-artist Estonjan Madis Ots online fuq eib.org/startup-cartoon
- Iċċekkja l-kumpanija Żvediża li tgħinek tħallas il-kontijiet tiegħek eib.org/izettle

# Infrastruttura
biex nikkollegaw l-Ewropa





Rota Vélib f'Pariġi

# EUR 18-il biljun għall-**infrastruttura**

- **10 924** MW ta' kapaċità ġdida tal-ġenerazzjoni tal-elettriku
- Li minnhom **99.6** % kienu minn enerġija rinnovabbli
- **76 557** km ta' linji tal-elettriku mibnija jew aġġornati
- **36.8** miljun ta' arloġġi intelliġenti installati
- **10.4** miljun unità domestika bl-elettriku
- **572 324** unità domestika f'akkomodazzjoni soċjali u affordabbli ġodda jew rinnovati
- **735** miljun passiġġier addizzjonali bi trasport iffinanzjat mill-BEI
- **45.7** miljun persuna b'servizzi tal-kura tas-saħħa mtejba

# Kif Pariġi qed tagħmilha eħfef biex wieħed idur mal-belt

## Tiswa biljuni ta' euro, iżda Pariġi qiegħda tifforma netwerk tat-trasport tal-ġejjieni

Il-mobilità hija tħassib ta' kuljum għal David Pena, li joqgħod f'belt żgħira ħdejn ix-xmara madwar 30 km fil-Punent ta' Pariġi. "Huwa komuni għalija li mmur l-istazzjon u jkun hemm dewmien jew nara li l-ferrovija ġiet ikkanċellata," jgħid l-inġinier tal-elikotteri li għandu 42 sena.

Il-Métro ta' Pariġi sikwit tiġi kklassifikata fost l-aqwa ferroviji taħt l-art fid-dinja u stħarriġ globali riċenti qiegħed il-belt fl-aqwa 10 għall-mobilità urbana. Ir-reġjun tagħha madankollu għandu sfidi kbar. "Pariġi għandha sistema qadima ħafna, bħal ta' Londra," tgħid Caroline Lemoine, inġinier tat-trasport tal-BEI. "L-immodernizzar tan-netwerk u ż-żamma tal-espansjoni biex jittejjeb il-livell tas-servizz u tiżdied l-aċċessibbiltà jeħtieġu investiment enormi, u aħna, l-BEI, qed nikkontribwixxu għal dan."

Ir-reġjun tal-belt u madwarha, magħruf bħala l-Ile de France, għandu popolazzjoni ta' madwar 12-il miljun, numru li ttriplika matul l-aħħar seklu. Isiru aktar minn tmien miljun vjaġġ kuljum fuq in-netwerk tat-trasport tar-reġjun ta' Pariġi. Iż-żieda fil-popolazzjoni kkontribwiet għal prezzijiet m'ogħla s-smewwiet għall-proprjetà, li ġiegħlu lil bosta residenti jmorru jgħixu 40 km barra mill-belt lejn żoni b'inqas konnessjonijiet tat-trasport. "Qed inħabbtu wiċċna ma' problemi ta' aktar minn seklu ilu u li qed insibu soluzzjonijiet għalihom illum," tgħid Laurence Debrincat, speċjalista tal-mobilità f'Pariġi ma' Ile-de-France Mobilités, li jmexxi n-netwerk tat-trasport tar-reġjun.

## Ippjanar għall-ġejjieni

Il-bank tal-UE ilu jgħin lil Pariġi tinvesti fit-trasport għal deċennji. Negozji riċenti kbar jinkludu:

- EUR 800 miljun f'self mill-BEI biex jinġibu lura t-trammijiet
- EUR 200 miljun biex jappoġġaw il-karozzi elettriċi ta' Autolib'
- total ta' EUR 2.5 biljun biex jiffinanzja parti mill-proġett ambizzjuż magħruf bħala Grand Paris Express, pjan ta' espansjoni tal-Métro li huwa wieħed mill-ikbar fid-dinja.

Il-Grand Paris Express ser jirdoppja d-daqs tal-Métro, u jżid 200 kilometru ta' linji u aktar minn 70 stazzjon. Il-proġett għandu l-mira li:

- jgħaqqad flimkien is-subborgi iżolati
- inaqqas konġestjonijiet tat-traffiku ta' kuljum li jikkontribwixxu għall-ismog
- jikkollegaw distretti kummerċjali, ajruporti, u universitajiet
- jikkollegaw dawk is-subborgi iżolati ma' Pariġi.

"Il-proġett ta' Grand Paris se jieħu żmien twil, iżda ser jiżgura li aħna jkollna wieħed mill-aqwa netwerks tat-trasport fid-dinja," tgħid Debrincat.

Il-ferroviji tal-passiġieri RER li jaqdu s-subborgi qed jiġu mmodernizzati wkoll, b'vaguni ġodda u sinjalar. Il-linja RER A, li hija twila aktar minn 100 kilometru, hija l-aktar waħda traffikuża fl-EWropa, u ġġorr 1.2 miljun passiġġier kuljum. Din il-linja, li taqta' miċ-ċentru ta' Pariġi waqt li tkun sejra lejn is-subborgi fil-Punent u l-Lvant, qed tiġi rrinovata mill-2015 sal-2020. Il-proġett ser jibdel 24 kilometru ta' linji.



“Hemm tassew ħtieġa kbira biex jinżamm in-netwerk tal-ferroviji suburban,” tgħid Debrincat. “It-tibdil tal-linji tal-ferroviji u s-sinjalar elettriku jiswa biljuni ta’ euro, iżda hija xi ħaġa li rridu nagħmlu għal bosta snin.”

Pariġi tilqa’ wkoll wieħed mill-proġetti li rnexxew l-aktar għall-kondiviżjoni ta’ roti fid-dinja. Għandha madwar 14 500 rota f’1 230 stazzjon. Il-belt ilha żżid il-karreġġjati tar-roti tagħha sa mis-snin disgħin, u issa għandha madwar 700 kilometru ta’ rotot tar-roti.

Qed tespandi l-linji tal-karozzi tal-linja elettriċi tagħha, bil-għan li 80 % tal-karozzi tal-linja jkunu elettriċi sal-2025 u l-kumplament ser jużaw il-bijogass. Pariġi diġà għandha linja waħda li hija kollha tal-elettriku, moqdija minn 23 karozza tal-linja.

Ejja ma ninsewx is-servizz tal-kondiviżjoni ta’ karozzi elettriċi Autolib’, li beda fl-2011 u joffri kważi 4 000 karozza elettrika fiż-żona ta’ Pariġi, b’aktar minn 100 000 utent irreġistrat. Il-bank tal-UE ffinanzja r-riċerka u l-iżvilupp tal-batteriji tal-karozzi Autolib’ u t-tnedija tas-servizz.

Pena, li joqgħod fis-subborgi tal-Punent, jgħid li jinsab ottimistiku dwar il-ġejjieni tal-mobilità f’Pariġi – u l-ivvjaġġar tiegħu. Hemm pjanijiet biex il-ferrovija tal-passiġġieri RER tinġieb fil-belt żgħira tiegħu. “Franza definittivament qiegħda minn ta’ quddiem fir-rigward tal-fatt li taħtaf l-opportunitajiet bit-teknoloġija l-ġdida,” huwa jgħid, “iżda għad baqa’ x’isir.”



“Ser tiżgura li aħna jkollna wieħed mill-aqwa netwerks tat-trasport fid-dinja.”



# Kanal ta’ investiment biex jissewwew il-pajpijiet tal-Italja

**Finanzjament għall-operaturi tal-ilma Taljani biex jiġu mmodernizzati ġibjuni u pajpijiet qodma li jnixxu**

Matul ir-rebbiegħa u s-sajf 2017 kważi m’għamlet xejn xita f’Ruma. Il-preċipitazzjoni baxxa u t-temperaturi għoljin fissru inqas ilma għar-Rumani, li kienu beżgħana li ser ikun hemm irrazzjonizzar tal-ilma bħalma kien hemm diġà implimentat f’bosta bliet fl-Italja ċentrali.



Iżdal-mewġiet tas-sħana sajfin mhumiex l-unika raġuni għal dawn il-problemi bl-ilma. Netwerks antikwati jikkawżaw it-telf ta’ medja ta’ 35 % tal-ilma fil-pajpijiet qabel ma dan jasal fil-viti. L-immodernizzar huwa meħtieġ b'urġenza, iżda l-kumpaniji tal-ilma żgħar Taljani jsibu diffikultà biex jiksbu finanzjament.

Għalhekk il-BEI involva ruħu b’self ta’ EUR 200 miljun ta’ programm biex jappoġġa l-investimenti fl-infrastruttura tal-ilma u l-ilma mormi mal-Italja kollha. Ser jipprovdi finanzjament għal erba’ sa tmien proġetti tal-ilma li jiswew EUR 30 miljun sa EUR 100 miljun kull wieħed. “L-utilitajiet żgħar tal-ilma huma meqjusa ta’ riskju għoli wisq għal finanzjament dirett,” tgħid Despina Tomadaki, l-uffiċjal ta’ self tal-BEI responsabbli għall-operazzjoni, “iżda permezz tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa, dan il-finanzjament isir possibbli. Din hija l-ewwel operazzjoni ta’ dan it-tip li għandha fil-mira l-utilitajiet tal-ilma ta’ daqs żgħir u medju."

Is-servizzi tal-ilma fl-Italja huma rregolati mill-istat u organizzati madwar 64 żona ta’ servizz. Aktar minn 2 700 operatur jipprovdu servizzi lil madwar 7 700 muniċipalità. Xi atturi kbar ħafna jaqdu madwar 50 % tal-popolazzjoni. Madankollu, il-maġġoranza tal-operaturi huma żgħar, għalhekk huwa diffiċli għalihom biex jikkwalifikaw għal self. Ir-riżultat: id-diskrepanza fl-investiment bejn ix-xogħol meħtieġ u x-xogħol li qed isir fis-settur tal-ilma Taljan kienet ilha tikber is-snin. Hija madwar EUR 3 biljun fis-sena llum. Is-self tal-programm tal-BEI ser jgħin biex inaqqas din id-diskrepanza.

Xi reġjuni tal-Italja qed isibuha ferm diffiċli biex jiksbu finanzjament. “Is-self tal-programm ser ikollu fil-mira dawk il-kumpaniji fl-Italja ċentrali u tan-Nofsinhar fejn il-ħtiġijiet tal-investiment huma l-aktar meħtieġa,” tgħid Patricia Castellarnau, l-ekonomista tal-BEI li ħadmet fuq din l-operazzjoni.

Is-self tal-programm huwa mistenni li jappoġġa madwar 2 000 impjieg ġdid, u b'hekk jgħin aktar lill-popolazzjonijiet u n-negozji lokali.

Sa tmiem is-sena, żewġ operazzjonijiet sekondarji ġew iffirmati taħt dan is-self tal-programm: self ta' EUR 50 miljun lil Brianzaqque, li jopera f'Monza u Brianza fir-reġjun tal-Lombardija; u self ta' EUR 20 miljun lil AMAP, utilità ta' Palermo.

## Mur online għal aktar Infrastruttura tal-BEI

- Skopri x'inhi *metroguagua* f'Las Palmas eib.org/metroguagua
- Ara xi wħud mill-binjiet storiċi ta' Bratislava wara rinnovazzjoni eib.org/bratislava-urban-renewal



# **Il-klima u l-ambjent** għal ġejjieni SOSTENIBBLI





# EUR 16.7 bn

## għall-**ambjent**

Dan jinkludi l-bijodiversità, arja nadifa, ilma nadif, sikurezza tat-trasport, enerġija rinnovabbli u effiċjenza fl-enerġija

Il-Bank jagħmel impenn għal self ta' **azzjoni għall-klima** li jammonta għal aktar minn 25 % tat-tislif totali fl-oqsma tal-politika pubblika kollha tiegħu

Fl-2017 il-BEI ffinanzja EUR **19.4** biljun għall-azzjoni għall-klima

- Dan ifisser **28.2** % tal-finanzjament totali
- Enerġija rinnovabbli – EUR **4.4** biljun
- Effiċjenza fl-enerġija – EUR **4.8** biljun
- Trasport b'użu aktar baxx tal-karbonju u li ma jagħmilx ħsara lill-klima – aktar minn EUR **7.1** biljun
- Riċerka, żvilupp u innovazzjoni – EUR **1** biljun
- Mitigazzjoni fl-afforestazzjoni, skart u ilma mormi EUR **0.5** biljun
- Mitigazzjoni f'setturi oħra EUR **0.7** biljun

Adattament għall-bidla fil-klima – EUR **0.8** biljun

* Iċ-ċifri t'hawn fuq huma suġġetti għal awditjar estern

Il-Muntanji Rhodope, il-Bulgarija, sit ta' wieħed mill-proġetti pilota ta' konservazzjoni tan-natura ta' Rewilding Europe

# L-imgħax imħallas bi żwiemel selvaġġi

## Soluzzjoni ġdida għall-bijodiversità terġa' tqajjem annimali antiki

Il-Muntanji Rhodope fil-Bulgarija jogħlew għal aktar minn 2 000 metru, b'widien ta' xmajjar dojoq u fondi u rdum weqfin li jkopru madwar 15 000 km kwadrat. Huwa wieħed mis-siti l-aktar importanti għat-tnissil għall-avultuni Eġizzjani li huma fil-periklu globalment, u l-uniku wieħed għall-avultuni grifun fil-pajjiż.

Il-Muntanji Rhodope huma wieħed minn tmien siti pilota għal netwerk b'viżjoni ġdida għall-konservazzjoni tan-natura msejjaħ Rewilding Europe. Hekk kif in-nies qegħdin dejjem aktar imorru jgħixu f'lokalitajiet urbani, Rewilding Europe jieħdu żoni rurali fejn il-popolazzjoni qed tonqos u jerġgħu jagħmluhom selvaġġi, jirrestawraw ekosistemi awtosostenibbli li huma essenzjali għall-bijodiversità u, fl-istess ħin, jiżviluppaw ekonomiji ġodda bbażati fuq in-natura.

Ġara li għandhom każ kummerċjali li l-BEI qiegħed jappoġġa b'EUR 6 miljun, appoġġat mill-Faċilità ta' Finanzjament tal-Kapital Naturali, li ġiet stabbilita mill-BEI u l-Kummissjoni Ewropea. "Hemm għarfien dejjem akbar li l-għotjiet pubbliċi mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ispejjeż tal-isforzi għall-konservazzjoni," tgħid l-uffiċjal għall-investiment ta' finanzjament ambjentali u klimatiku tal-BEI, Jane Feehan. "Rewilding Europe għandhom in-natura fil-qalba tagħhom, iżda qed jibnu mudell tan-negozju b'saħħtu wkoll, u issa jistgħu jieħdu finanzjament għal self biex jespandu l-attivitajiet tagħhom."

Fil-Muntanji Rhodope Bulgari, dan ħa l-forma ta' ħidma ma' intraprendituri lokali biex jagħtu spinta lit-turiżmu tan-natura fuq skala żgħira billi jirranġaw il-moħbiet għall-fotografija tal-ħajja selvaġġa, iħarrġu intraprendituri lokali u juru l-valur kummerċjali tan-natura selvaġġa. L-objettiv aħħari huwa li jiġi ffinanzjat ir-restawr tal-ambjent selvaġġ tar-reġjun, u jitwaqqaf l-avvelenament, is-serq, u x-xokkijiet elettriċi mil-linji tal-elettriku li kienu naqqsu n-numru ta' avultuni grifun għal għaxar pari biss.

Rewilding Europe introduċew unità tal-kliem kontra l-avvelenament biex jidentifikaw perikli għall-avultuni. Qegħdin jibnu bejtiet artifiċjali biex jattiraw avultuni suwed biex jibdew kolonji ġodda, u jaħdmu ma' kumpaniji tal-elettriku lokali biex jiżolaw il-linji tal-elettriku tagħhom. Filwaqt li n-nies lokali kienu qed jużaw lixkiet bil-velenu biex iżommu l-popolazzjoni tal-lupi baxxa, Rewilding Europe introduċiet dajni u ċriev ħomor, sabiex ikun hemm aktar priża naturali għal-lupi. Dan huwa essenzjali biex jiġu attirati l-avultuni, billi l-għasafar jieklu minn dak li jifdal fuq il-karkassa ladarba l-lupi jieqfu jieklu.

Allura kif jirreaġixxu n-nies lokali? "Ovvjament, aħna qegħdin ninvolvuhom fl-approċċ il-ġdid," jgħid Wouter Helmer, il-kap tar-restawr tal-ambjent selvaġġ Rewilding Europe. "Hemm inqas u inqas rgħajja f'din iż-żona. Dawk li fadal jifhmu li jekk nintroduċu ċ-ċriev, inkunu wkoll qed naljenaw il-lupi minngħaġ u l-baqar tagħhom, għaliex huwa dejjem aktar faċli għal-lupi biex imorru għall-annimali selvaġġi."

In-nies lokali jifhmu wkoll li l-isforzi għar-restawr tal-ambjent selvaġġ jgħinu biex jiddiversifikaw id-dħul tagħhom billi jkunu attraenti għat-turisti mill-belt kapitali Sofija u barra mill-pajjiż. Dan ifisser negozju għal bed-and-breakfasts flimkien ma' ġestjoni tal-bhejjem. "Huma jifhmu li lupu ħaj jiswa ħafna aktar għalihom milli wieħed mejjet," jgħid Helmer. "Għalhekk il-ħidma tagħna tgħinhom jaħsbu mill-ġdid dwar ir-relazzjoni tagħhom man-natura."

## Ir-ritorn ta' speċi antika li kienet estinta

L-opportunitajiet tat-turiżmu mhumiex limitati għall-moħbiet tal-fotografija fil-Muntanji Rhodope. Fil-fatt, Rewilding Europe nediet European Safari Company. Meta mqabbla mal-annimali Afrikani li huma normalment assoċjati mas-safaris, x'jista' jkun daqshekk eċċitanti dwar il-fawna Ewropea? Xi ngħidu dwar l-aurochs? Dawn huma antenati selvaġġi bi qrun kbar tal-baqar domestiċi, twal sa 1.80 metru u jiżnu sa aktar minn tunnellata, li huma mpinġija fuq tpinġijiet fl-għerien. Fil-mitoloġija Griega, Żeus ħa l-forma ta' barri aurochs biex jisseduċi u jaħtaf lill-prinċipessa sabiħa Europa, u b'hekk twaqqfet l-Ewropa.

L-aurochs żviluppaw matul dak li jissejjaħ il-Pleistoċenu u sar estint madwar 400 sena ilu, iżda l-ġeni tagħhom għadhom ħajjin u tajbin f'xi razez antiki tal-baqar. Parti mill-ħidma ta' Rewilding Europe hija li jintużaw dawn il-baqar antiki biex irabbu t-Tauros, speċi ta' baqar selvaġġ tat-tip tal-Aurochs li jistgħu jissopravivu waħedhom. Għaliex dan huwa tant importanti? "Il-bijodiversità teħtieġ diversità ta' pajsaġġi," jgħid Helmer. "Mhux biss foresti, iżda wkoll aktar żoni miftuħa. Issa, għall-ewwel darba fl-istorja wasalna fi stadju fejn f'ħafna postijiet m'għadx hemm aktar mergħat, għalhekk id-diversità ta' buri-



In-naħħal li rebaħ ħafna premjijiet Sanjin Zarkovic fir-razzett tan-naħal tiegħu f'Melnice, il-Kroazja, parti mill-proġett Rewilding Europe

Rewilding "tgħinhom jaħsbu mill-ġdid dwar ir-relazzjoni tagħhom man-natura."

jiet naturali bil-fjuri, l-għasafar u l-friefet tagħhom m'għadhiex aktar mantnuta mill-periti naturali tagħha."

Oriġinarjament, l-aurochs kienet waħda mill-ispeċi ewlenin biex tieħu ħsieb dan. Flimkien magħhom, u speċjalment għall-aħħar millennji, dan il-kompitu kien parzjalment komplut bl-għajnuna tal-bdiewa u l-bhejjem tagħhom, li tal-anqas bil-mod tradizzjonali tar-ragħa, dalwaqt ser jintemm. B'inqas nies rurali li jridu jaħdmu fl-irziezet, hemm żoni kbar ħafna fejn l-annimali li jirgħu naturali bħall-aurochs huma estinti u n-numri tal-baqar domestiċi huma ferm baxxi wkoll. "Iddeċidejna li nippruvaw nġibu lura l-annimali li jirgħu oriġinali," jgħid Helmer.

Huwa jispjega li 99 % tal-ġeni tal-annimali li jirgħu oriġinali għadhom fil-ġeni tal-bhejjem iddomestikati llum, għalhekk il-Programm Tauros qiegħed juża bhejjem primittivi varji biex joħloq baqra aktar reżiljenti li tista' tfendi għal rasha. Bħalissa hemm bosta mijiet ta' annimali mrobbija, u r-riżultati bikrin fejn ġew introdotti fl-ambjent selvaġġ huma promettenti.

Iż-żwiemel selvaġġi meħlusa fil-Muntanji Rhodope, kif ukoll it-tauroses li qishom aurochs u l-gemus tal-Ewropa huma kollha parti minn innovazzjoni oħra li ġabu Rewiliding Europe: il-European Wildlife Bank. Huwa kważi bħal bank reali, jgħid Helmer. Is-sidien tal-art jistgħu jisselfu żwiemel primittivi biex jirgħu fuq it-territorju tagħhom, u f'ħames snin jagħtu lura nofs il-qatgħa tagħhom. Peress illi l-qatgħa tipikament tikber b'madwar 25 % fis-sena, il-bank jikseb lura numru ikbar ta' żwiemel milli sellef, u s-sid tal-art iżomm numru ugwali. "Tista' tikkunsidrah bħala rata tal-imgħax tajba ħafna," jgħid Helmer.

Jekk is-sid tal-art juri li żied il-mergħa disponibbli għaż-żwiemel selvaġġi, ikun jista' jżomm iż-żwiemel addizzjonali għal ħames snin oħra.

# Pjan għal belt ekoloġika

**Essen kienet kelma oħra għal tniġġis industrijali. Issa ġiet imsemmija l-Belt Kapitali Ekoloġika tal-Ewropa. Dan huwa s-sigriet tal-belt Ġermaniża għal rivoluzzjoni ambjentali.**

Fi żmien ir-riunifikazzjoni tal-Ġermanja, żewġ terzi tad-drenaġġ ta' Essen kien imur fix-Xmara Emscher. Il-biċċeriji u l-imtieħen tal-azzar kienu jarmu l-iskart tal-annimali u ż-żibel, u x-xmara kienet depożitu għal metalli tqal u ħmieġ tal-annimali. L-Emschergenossenschaft, 19-il muniċipalità u bosta kumpaniji stabbiliti fl-1899 bħala l-ewwel assoċjazzjoni tal-ġestjoni tal-ilma mormi fil-Ġermanja, fasslet **pjan ambizzjuż biex ix-xmara tiġi rrestawrata għall-istat naturali tagħha**. Kienet biċċa xogħol iebsa, iżda ħadmet.

Il-kap eżekuttiv tal-Emschergenossenschaft Uli Paetzel issa jieħu lit-tfal tiegħu fi playgrounds ħodor fuq ix-xtut tax-xmara. "Dan huwa l-akbar tentattiv tal-Ewropa biex jiġi rrestawrat pajsaġġ sħiħ tax-xmara u tkun mexxejja ta' bidla strutturali," huwa jgħid. "Qed nagħtu x-xmara lura lin-nies tagħha."

Fl-2017 il-Kummissjoni Ewropa nnominat lil Essen bħala l-Belt Kapitali Ekoloġika tal-Ewropa, premju annwali għal belt li tkun fuq quddiem ta' għajxien urban li jħares l-ambjent. **Il-belt li qabel kellha l-minjieri tal-faħam issa għandha park pubbliku ta' 23 ettaru, kwalità għolja tal-ilma u restrizzjonijiet tat-traffiku fiċ-ċentru tal-belt**. "Ġmied, ħmieġ, irwejjaħ u ċumniji jdaħħnu – dan huwa dak li n-nies f'postijiet oħra għadhom jassoċjaw ma' Essen," jgħid Matthias Sinn, kap tad-dipartiment ambjentali tal-belt. "Iżda Essen hija isbaħ u aktar ekoloġija milli qatt taħsbu. Il-parks u l-espansjonijiet tal-ilma jagħtuk vera entużjażmu għall-ħajja."

Fost il-kisbiet ambjentali li rebbħu l-premju ta' Belt Kapitali Ekoloġika lil Essen kien hemm:

- 13 000 impjieg fis-settur ekoloġiku innovattiv
- 95 % tal-popolazzjoni issa qed tgħix qrib 300 m ta' żoni urbani ekoloġiċi
- 376 km ta' karreġġjati għar-roti
- 128 000 $m^2$ ta' toroq miksija mill-ġdid b'asfalt li jnaqqas il-ħsejjes

U Essen qiegħda tissettja miri ambizzjużi:

- tnaqqis tal-emissjonijiet $CO_2$ b'40 % sal-2020
- 25% tal-vjaġġi kollha bir-rota sal-2035
- 20,000 impjieg fis-settur ambjentali sal-2025
- 65 % tal-iskart kollu rriċiklat sal-2020.

Il-programm biex Essen issir aktar ekoloġija jinkludi proġett biex jinbnew 400 km ta' kanali tad-drenaġġ ġodda taħt l-art u jiġu nnaturalizzati mill-ġdid 350 km ta' xtut tax-xmajjar. "Dak li jolqot l-għajn f'dan il-proġett huwa l-iskala reġjonali massiva tiegħu, il-ħidma avvanzata tal-inġinerija tiegħu, il-bijodiversità mtejba" jgħid Sebastian Hyzyk, ekonomista tal-BEI.

L-ispiża tal-operazzjoni hija EUR 5.3 biljun, u l-BEI qed jiffinanzja madwar 30 % minnhom. Wara ż-żewġ selfiet preċedenti, il-Bank silef EUR 450 miljun oħra fl-2017 biex jitkompla l-proġett.





"Il-parks u l-espansjonijiet tal-ilma jagħtuk vera entużjażmu għall-ħajja"





# Ir-riċiklaġġ jagħti lill-Ewropa provvista importanti ta' titanju

## Impjant ġdid Franċiż jippreżerva riżorsa importanti u jipproteġi l-klima

It-titanju huwa msemmi għat-Titani potenti tal-mitoloġija Griega, minħabba s-saħħa enormi tiegħu. Huwa wkoll ħafif, ma jittikilx, u jintlewa mingħajr ma jinkiser. Dawn il-proprjetajiet jagħmluh materja prima strateġika għal bosta prodotti, inkluż parts tal-bodì tal-ajruplani, missili, vetturi spazjali u armaturi tad-difiża.

Il-problema hija li mhux faċli jinxtara t-titanju fl-Ewropa jew li r-ruttam mhux użat jiġi rriċiklat b'mod ekonomiku. Ditti kbar bħal Airbus ta' sikwit iduru lejn l-Istati Uniti jew ir-Russja meta jeħtieġu jixtru t-titanju jew jirriċiklaw ir-ruttam. Issa fabbrika ġdida Franċiża msejħa EcoTitanium qed issolvi din il-problema billi tuża fran avvanzati u teknoloġija oħra biex tirriċikla t-titanju. Il-proċess jgħin l-ambjent ukoll billi jnaqqas l-emissjonijiet, billi r-riċiklaġġ tat-titanju juża inqas enerġija mill-irfinar tal-mineral tat-titanju.

"It-titanju huwa metall prezzjuż u ser intejbu l-provvista tiegħu b'mod drammatiku," jgħid Thomas Devedjian, kap uffiċjal finanzjarju ta' Eramet, il-grupp tal-minjieri u l-metalli li bena EcoTitanium fir-reġjun vulkaniku ta' Franza ċentrali.

EcoTitanium tuża t-teknoloġija l-aktar riċenti fi fran tal-plażma u l-vakwu li jikkonsmaw inqas enerġija minn metodi oħra ta' tidwib. Forn tal-plażma jdewweb sustanzi b'gass imsaħħan, filwaqt li form tal-vakwu jdewweb binnuqqas ta' arja biex jimpedixxi l-kontaminazzjoni. It-titanju jeħtieġ tagħmir speċjali għat-tidwib peress illi huwa tant reżistenti għas-sħana.

## Irħas u inqas skart

It-titanju mhux rari, iżda huwa għali peress illi huwa diffiċli biex jiġi rfinat. Il-produzzjoni tiegħu tinvolvi ħafna xogħol u sħana estrema. Huwa sitt darbiet aktar għoli biex jiġi prodott mill-azzar. Il-makkinar tat-titanju joħloq ħafna ruttam tat-titanju li ta' sikwit jintbagħat barra mill-Ewropa għal użu mill-ġdid. Għal xi parts tal-ajruplani, 90 % tat-titanju jispiċċa bħala ruttam tal-manifattura.

L-impjant tar-riċiklaġġ il-ġdid, f'Saint-Georges-de-Mons, ser jipproduċi liga tat-titanju tajba għall-avjazzjoni li hija ftit irħas minn titanju ġdid u tħalli inqas skart. L-impjant ser jiskansa l-emissjoni ta' 100 000 tunnellata ta' dijossidu tal-karbonju fis-sena.



## SOLUZZJONI INTEGRATA GĦAT-TITANJU




Il-Bank Ewropew tal-Investiment silef lill-impjant EUR 30 miljun, apoġġat mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa. L-ispiża totali tal-impjant kienet ta' madwar EUR 48 miljun.

"L-Ewropa teħtieġ dan it-tip ta' innovazzjoni," qalet Mariateresa Di Giacomo, uffiċjal anzjan tas-self mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

It-titanju jintuża wkoll f'oqfsa ta' vapuri, strutturi tar-roti u fl-industrija tal-kimika. Jaqbad sew mal-għadam, għalhekk jinsab f'impjanti dentali u prosteżijiet. Id-dijossidu tat-titanju, il-materjal użat biex jirfina l-metall tat-titanju, huwa whitener eċċellenti għaż-żebgħa, s-sunscreen u t-toothpaste.

"Dan proġett sabiħ ħafna," tgħid Di Giacomo. "Għandu ftit minn kollox – teknoloġija ġdida, impjiegi ġodda, inqas skart, jgħin l-ekonomija ċirkolari."



"L-Ewropa teħtieġ dan it-tip ta' innovazzjoni."

### Mur online għal aktar Ambjent tal-BEI

- Skopri aktar online dwar il-proġetti ambjentali tal-BEI, inkluż il-finanzjament ferm oriġinali għall-forestrija Irlandiża eib.org/irish-forests

# **L-attur** globali





# EUR 7.91 biljun f'self ġdid barra mill-UE

- Ġirien tal-Lvant EUR **0.88** biljun
- Pajjiżi tat-tkabbir u tal-EFTA EUR **1.62** biljun
- Mediterran EUR **1.96** biljun
- L-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, pajjiżi u territorji extra-Ewropej u l-Afrika t'Isfel EUR **1.47** biljun
- L-Asja u l-Amerika Latina EUR **1.99** biljun

# Ħajja ġdida għall-Baħar il-Mejjet

## L-Iżraeljani, il-Palestinjani u l-Ġordaniżi jingħaqdu biex jaffrontaw il-kriżi tal-ilma reġjonali

Darba kull ġimgħatejn, il-familji fil-Ġordan jiftħu l-viti u jimlew sa erba' metri kubi ta' ilma għax-xorb bil-pajpijiet għal ġottankijiet ta' fuq il-bejt. Huwa biss terz tal-ammont li jeħtieġu – u huwa dak kollu li se jieħdu. "In-nies isofru ħafna," jgħid Nabil Zoubi, direttur tal-proġett ta' impriża ambizzjuża biex l-ilmijiet tal-Baħar l-Aħmar jintużaw biex jallevjaw l-iskarsezza u jerġgħu jqajmu mill-ġdid il-Baħar il-Mejjet.

Il-Ġordan huwa wieħed mill-pajjiżi l-aktar nexfin fid-dinja u m'għandux biżżejjed ilma ħelu għall-popolazzjoni dejjem tikber tiegħu u l-1.3 miljun rifuġjat Sirjan li jospita. L-ilma huwa wkoll problema fl-Iżrael u fil-Palestina, u qed tmur għall-agħar minħabba t-tibdil fil-klima. Sadanittant, minħabba d-diverżjoni tal-ilma tal-alimentazzjoni tal-Baħar il-Mejjet, dan il-lag bibliku qed jinxtorob, u dan ħoloq problemi ambjentali.

Taħt il-pjan, l-ilma baħar mill-Baħar l-Aħmar ser jiġi mibdul f'ilma tax-xorb. Is-salmura – is-soluzzjoni b'ħafna melħ li tifdal wara d-desalinazzjoni – ser tiġi ttrasferita fil-Baħar il-Mejjet permezz ta' pipeline ta' 180 km, li ser ibatti t-tnaqqis fil-livell tal-ilma tiegħu. Fil-Ġordan ser ikollhom l-ilma ġieri tlitt ijiem fil-ġimgħa, minflok it-tmien sigħat kull ġimgħatejn li għandhom bħalissa."

Benefiċċju ieħor: peress illi l-Baħar il-Mejjet huwa fil-punt l-aktar baxx fid-dinja, l-ilma ser jinżel 'l isfel aktar minn 600 metru, u ser jiġġenera 32 megawatt ta' enerġija idroelettrika fis-sena.



Il-BEI mmobilizza ftehim ta' assistenza teknika ffinanzjat mill-BEI li jiswa EUR 2 miljun għall-proġett. L-aġenzija tal-gvern Franċiż li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, Agence française de développement, qiegħda taħdem mal-BEI biex taċċerta li l-proġett jirnexxi.

## Skambju u kondiviżjoni tal-ilma

L-idea ta' pipeline mill-Baħar l-Aħmar għall-Baħar il-Mejjet tmur lura għall-ftehim ta' paċi bejn l-Iżrael u l-Ġordan fl-1994. Iżda kien biss fl-2013 li l-Iżrael, il-Ġordan u l-Palestina ffirmaw memorandum ta' ftehim dwar il-pjan attwali.

Il-proġett tal-Baħar l-Aħmar u l-Baħar il-Mejjet jikkontribwixxi għall-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika tal-BEI, programm ewlieni biex jagħti spinta lil-investiment fir-reġjun. Il-BEI qed jikkunsidra wkoll self ta' EUR 60 miljun flimkien ma' finanzjament minn aġenziji tal-iżvilupp Franċiżi, Taljani u Spanjoli lill-Gvern tal-Ġordan talli appoġġa l-kontribuzzjoni tiegħu għall-proġett.

Dan il-pakkett finanzjarju konġunt tal-UE jista' jitħallat ma' għotja ta' EUR 40 miljun mill-Faċilità tal-Investiment ta' Viċinat iffinanzjat mill-UE. "L-UE qiegħda tappoġġa dan il-proġett massiv b'approċċ integrat," jgħid l-Ambaxxatur tal-UE għall-Ġordan Andrea Fontana. "Hemm għotjiet tal-UE, flus impjenjati mill-Italja, Franza, u Spanja, u dan kollu huwa kkoordinat mill-AFD u l-BEI." Il-proġett għandu jibbenefika wkoll minn għotja ta' USD 100 miljun minn USAID.

Il-BEI huwa mistenni wkoll li jipprovdi self sa EUR 200 miljun lill-kumpanija li tirbaħ l-appalt għall-proġett.

> "Il-Ġordan ser ikollhom l-ilma ġieri tlitt ijiem fil-ġimgħa, minflok it-tmien sigħat kull ġimgħatejn li għandhom bħalissa."



# Fejn l-Etjopja tmexxi lill-Ewropa

**Miljuni jibbenefikaw minn M-Birr, li huwa aktar avvanzat mit-teknoloġija tal-ibbankjar mobbli li jużaw il-biċċa l-kbira tal-Ewropej**

Amadi tistrieħ mal-ħajt tat-tajn tad-dar tagħha u tiftakar fil-ġranet li kienet tqatta' fil-kju fix-xemx tikwi tal-Etjopja biex tirċievi l-pagamenti tas-sigurtà soċjali tagħha. Ta' sikwit il-flus ma kinux ikunu hemm fl-aħħar mill-aħħar u Amadi, mara xwejħa, kienet timxi għal sigħat sħaħ lura lejn ir-raħal remot tagħha mingħajr flus, u l-għada kien ikollha terġa' tgħaddi mill-istess tbatija. "Kien hemm ħafna problemi. Kien diffiċli ħafna, hija tgħid. "Iżda issa qegħdin f'kundizzjoni aħjar."

Amadi hija waħda minn żewġ miljun Etjopjan li jibbenefikaw minn M-Birr, servizz tal-bankjar mobbli li jieħu ismu mill-birr, il-munita tal-pajjiż. Issa l-pagamenti soċjali tal-gvern tagħha jitħallsu direttament kull xahar fil-kont mobbli tagħha ta' M-Birr fl-istituzzjoni ta' mikrofinanzjament reġjonali (MFI). Minflok mixja twila biex tiġbor il-flus kontanti, hija żżur aġent filqrib biex tiġbed il-flus. "Jirrispettawni u nieħu flusi," hija tgħid.

M-Birr għandu l-mira li jkun l-innovatur Etjopjan għall-fenomenu mobbli li qed jittrasforma l-finanzi għal Afrikani ordinarji. Fil-Kenja, madwar 40 % tal-PDG nazzjonali jimxi permezz tas-sistema tal-pagamenti mobbli ta' M-PESA. Apparti minn ftit pajjiżi fejn is-servizzi bankarji mobbli qabdu sew, il-kontinent għadu jiddependi ħafna fuq pagamenti fi flus kontanti. Il-loġistika mhix faċli fl-Afrika, għalhekk netwerk mobbli jippermetti li l-flus jimxu b'mod sigur u sempliċi. "Li l-flus ikunu mobbli diġà ntwera li huwa mod effettiv biex tiżdied l-inklużjoni finanzjarja," tgħid Hannah Siedek, esperta ta' mikrofinanzjament mal-BEI.



"Nippreferi dan ferm aktar."

Mareh, klijenta ta' M-Birr fir-raħal rurali Etjopjan tagħha

## Appoġġ għall-Pakkett ta' Finanzjament ta' Impatt

Il-BEI qiegħed jappoġġa l-istadju li jmiss tal-espansjoni ta' M-Birr b'investiment ta' ekwità ta' EUR 3 miljun – li jistgħu jiżdiedu magħhom EUR 1 miljun ieħor – magħmul taħt il-Pakkett ta' Finanzjament ta' Impatt, għodda ta' finanzjament ta' EUR 800 miljun li jippermetti lill-Bank biex jieħu aktar riskju fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku aktar milli jieħu fi proġetti regolari. **Huwa l-ewwel darba li l-BEI investa f'teknoloġija finanzjarja mobbli fl-Afrika** u huwa koinvestiment ma' DEG, sussidjarja ta' KfW fil-Ġermanja.

Qabel ma tnieda kompletament fl-2015, M-Birr ħaddem programm ta' sena waħda li permezz tiegħu ħames istituzzjonijiet lokali ta' mikrofinanzjament setgħu jipprovdu servizzi mobbli tal-flus. L-istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament joffru servizzi ta' M-Birr f'aktar minn 7 000 lokalità – fergħat u aġenti ta' M-Birr MFI fi ħwienet, spiżeriji u pompi tal-petrol madwar l-Etjopja. Il-kumpanija, imwaqqfa minn Franċiż u Irlandiż, illum tipproċessa l-pagamenti soċjali għal aktar minn 750 000 unità domestika b'madwar tliet miljun benefiċjarju, kif ukoll taqdi 280 000 klijent ewlieni ta' flus mobbli. **Din hija trasformazzjoni għal pajjiż fejn persuna waħda minn ħamsa biss għandha kont tal-bank, filwaqt li nofs l-adulti kollha għandhom mowbajl**. "Għandna rwol importanti fl-inklużjoni soċjali,",

jgħid Thierry Artaud, iċ-chairman eżekuttiv ta' M-Birr. "L-investiment tal-BEI ser iħallina niżviluppaw in-negozju u l-pajjiż ikun jista' jikber."

## 'Aċċess għall-benefiċċji ta' flus mobbli'

Barra l-ħanut, mara xwejħa jisimha Mareh toħroġ mowbajl minn ġo borża marbuta madwar għonqha. Il-biċċa l-kbira tal-utenti ta' M-Birr jixtru mowbajl għal ftit dollari biss, iżda dawk li lanqas ma jaffordjaw li jixtru dan jistgħu jixtru scratch card b'kodiċi PIN li jdaħħlu matul iż-żjara tagħhom lill-aġent ta' M-Birr biex iġibu l-pagamenti soċjali tagħhom Mareh tagħmel mossi bil-mowbajl tagħha waqt li telenka t-titjib f'ħajjitha bis-saħħa ta' M-Birr.

Bħal Amadi, kienet tgħejja bil-mixjiet twali lejn il-punti tad-distribuzzjoni għall-flus tal-gvern li ta' sikwit ma kinux ikunu disponibbli. "Mhux faċli għalija li nuża mowbajl, iżda l-aġent jgħinni u nġib flusi permezz ta' M-Birr," hija tgħid. "Nippreferi dan ferm aktar."

F'pajjiż li huwa kbir daqs Franza u Spanja kkombinati, netwerk usa' huwa vitali. "M-Birr u l-imsieħba tagħha qed jiftħu l-Etjopja għal dinja sħiħa ta' flus mobbli li ser ikollhom impatt tremend fuq il-ħajja ta' kuljum tal-utenti," jgħid Benoît Denis, ekonomista fit-taqsima tal-ekonomija diġitali tal-BEI. "Il-kumpanija qiegħda tassew tissodisfa bżonn. Il-mira tagħhom hija li jinfirex l-aċċess għall-benefiċċji ta' flus mobbli mas-setturi kollha tal-ekonomija. Dak li rridu ngħinuhom jagħmlu."



Fergħa ta' M-Birr f'raħal Etjopjan

# Minn fejn jiġi l-**finanzjament**

**Il-BEI, l-akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja ġabar EUR 56.4 biljun fis-swieq kapitali internazzjonali fl-2017 barra minn prefinanzjament ta' EUR 3.8 biljun fi tmiem l-2016. Minn dak it-total, EUR 4.3 biljun kienu fil-format tal-bond ekoloġiku tal-Bank, imsejjaħ Bond għal Kuxjenza Dwar il-Klima. Dan tnissel hekk kif il-Bank iċċelebra għaxar snin minn meta sar l-ewwel emittent ta' bonds ekoloġiċi. Il-ħruġ tal-Bank jilħaq investituri li tipikament forsi ma jinvestux fl-Ewropa, iżda li jikkontribwixxu indirettament fi proġetti Ewropej billi jinvestu f'bonds tal-BEI.**






Il-Bank ħareġ bonds f'15-il munita, bil-maġġoranza miġbura fil-muniti essenzjali EUR, USD u GBP. Sorsi u perjodi ta' maturità diversifikati joffru flessibbiltà għall-istrateġija ta' finanzjament tal-Bank. Bl-approċċ b'diversi muniti, il-Bank ikun jista' wkoll jaċċessa xi muniti lokali għal infiq.

**Distribuzzjoni tal-bonds tal-BEI skont ir-reġjun tal-investitur**




**Distribuzzjoni tal-bonds tal-BEI skont il-munita**



# Aħbarijiet ekoloġiċi tajbin miċ-Ċina

## Beijing tagħmel pass kbir fil-bonds ekoloġiċi

Aħbar tajba għall-azzjoni għall-klima. Is-suq tal-bonds ekoloġiċi huwa mistenni li jkompli bl-espansjoni tiegħu issa li ċ-Ċina daħlet fl-azzjoni. "Iċ-Ċina tiffaċċja sfidi ambjentali enormi li jridu jittieħdu b'serjetà," jgħid Aldo Romani, l-espert tal-BEI li fassal l-istruttura tal-ewwel bond ekoloġiku eżattament għaxar snin ilu. "Il-bonds ekoloġiċi huma mod biex iċ-Ċina tistabbilixxi rabta dejjem aktar importanti mas-swieq internazzjonali biex tgħin issolvi l-problemi globali."

L-uffiċjali tal-BEI żaru ċ-Ċina fl-2017 biex isaħħu l-appoġġ tal-Bank għall-proġetti dwar il-klima hemmhekk. Il-BEI huwa mistenni li japprova tislif lil bosta proġetti dwar il-klima madwar iċ-Ċina fit-trasport urban, il-forestrija u l-effiċjenza fl-enerġija. Il-bank tal-UE u l-Bank Ċentrali Ċiniż ftiehmu wkoll biex jaħdmu flimkien lejn qafas kondiviż għal bonds ekoloġiċi u biex jiċċaraw aktar liema proġetti jikkwalifikaw. Iż-żewġ naħat jittamaw li lingwa komuni tgħolli l-fiduċja tal-investituri Ċiniżi u internazzjonali.

L-importanza ta' din il-ħidma ġiet enfasizzata mis-summit tal-UE-Ċina fi Brussell f'Ġunju, meta uffiċjali enfasizzaw impenn konġunt fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Filwaqt li kkoopera fuq il-bonds ekoloġiċi mal-Kumitat Ċiniż għall-Finanzjament Ekoloġiku, il-BEI kkontribwixxa għal dak li huwa magħruf bħala l-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament Sostenibbli, forum maħluq mill-Kummissjoni Ewropea biex jagħti pariri dwar kif għandha tiġi promossa s-sostenibbiltà fil-politika tal-UE.

Għalkemm il-bonds ekoloġiċi mexjin sew issa, mhux dejjem kien ċar jekk kinux ser jaqbdu. Romani jiftakar il-jiem diffiċli fl-uffiċċju tiegħu għaxar snin ilu. Li tinstab soluzzjoni għat-tibdil fil-klima kienet qed issir tema taħraq fl-Ewropa, iżda ftit nies ħasbu li l-idea ta' bond ekoloġiku setgħet tkun waħda mis-soluzzjonijiet. Bosta esperti emmnu li jkun wisq diffiċli jew kontroversjali biex jiġi mmmonitorjat u kkonfermat li l-flus miġbura minn dawn il-bonds kienu tassew qed jintefqu biex jgħinu l-ambjent.

"Ħadd ma kellu fiduċja fid-durabilità tal-bonds ekoloġiċi fl-2007 u n-nies kienu qed jitħassbu għaliex il-BEI kien l-uniku bank li qed jitkellem dwarhom," jgħid Romani, maniġer fil-finanzjament tal-euro mal-BEI. Illum, waqt li l-BEI jiċċelebra l-ħdax-il anniversarju tal-ewwel bonds ekoloġiċi tiegħu, dan is suq huwa wieħed mill-akbar stejjer ta' suċċess fil-finanzjament tal-klima.

### Mur online biex tisma'

- Aldo Romani jitkellem dwar il-bonds ekoloġiċi fuq il-podcast tal-BEI A Dictionary of Finance eib.org/green-bonds-podcast

# **GOVERNANZA** li hija sostenibbli, risponsiva u viġilanti



## L-istruttura ta' governanza tal-BEI

**Azzjonisti** — It-28 Stat Membru tal-UE

↓

**Bord tal-Gvernaturi** — Ministri tal-Istati Membri

↓ ↓

**Bord tad-Diretturi** — Innominati mill-Istati Membri

**Kumitat tal-Verifika** Indipendenti

↓

**Kumitat ta' Tmexxija**
- President
- 8 Viċi-Presidenti

## L-ikklassifikar ta' finanzjament sostenibbli

**Il-finanzjament sostenibbli huwa bbażat fuq investimenti li jqisu l-kunsidrazzjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza. Dan jinkludi l-finanzjament biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll l-imminimizzar tal-iskart u t-titjib tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi naturali.**

Il-BEI qiegħed jikkoordina grupp ta' Banek ta' Żvilupp Multilaterali biex jiżviluppaw "Prinċipji Komuni għas-Segwitu ta' Finanzjament għall-Mitigazzjoni tal-Klima", li ser jinkorpora l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Bank ħa wkoll rwol ewlieni simili fl-2017, bħala parti mill-involviment tiegħu mal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Finanzjament Sostenibbli, li ġie stabbilit f'Diċembru 2016. Il-mira tal-grupp hija li jagħmel rakkomandazzjonijiet għal strateġija komprensiva tal-UE dwar il-finanzjament sostenibbli. Fir-rapport intermedju tiegħu, ippubblikat f'Lulju 2017, il-Grupp ta' Esperti ssuġġerixxa li l-BEI għandu jikkoordina l-ħolqien ta' klassifikazzjoni għall-finanzjament tal-klima, u jibda bil-mitigazzjoni



tat-tibdil fil-klima. Wara konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati ewlenin, il-BEI żviluppa proposta għal abbozz ta' tassonomija għall-mitigazzjoni tal-klima, li tikkontribwixxi għall-ħidma li għadha għaddejja tal-Grupp ta' Esperti. Fir-rapport finali tiegħu f'Jannar 2018, il-Grupp ta' Esperti rrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tadotta pjan direzzjonali 2018-19 għal tassonomija sħiħa tas-sostenibbiltà. Dan għandu jibni fuq il-ħidma tal-BEI dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima bħala l-ewwel pass, segwit mill-adattament tal-klima u elementi ambjentali u soċjali oħrajn. Huwa pass essenzjali biex tiġi stabbilita ċarezza biex is-suq jiġi stimulat għal prodotti finanzjarji sostenibbli u biex itejjeb l-appoġġ għal politiki pubbliċi.

# Ilħna mismugħa:

## Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI mmaniġġja aktar każijiet fl-2017 minn qatt qabel

Dan huwa parzjalment minħabba li l-Bank qed isir aktar viżibbli, u dan joħloq aktar għarfien tal-impatt ambjentali u soċjali tiegħu, u tal-mekkaniżmu ta' responsabbiltà indipendenti u pubblika tiegħu. Huwa wkoll ir-riżultat tan-numru dejjem akbar ta' negozji kumplessi li huwa involut fihom il-Bank u xi proġetti bi profil relattivament għoli li attiraw bosta ilmenti.

### It-Triq tal-Aċċess għall-Port ta' Mombasa



Djar f'Mombasa li r-residenti tagħhom jistgħu jitħallew barra mill-ftehim ta' kumpens

F'Jannar 2017, il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti rċieva l-ewwel wieħed minn 13-il ilment dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Korrettiv li twaqqaf fi ħdan il-**proġett tat-Triq tal-Aċċess għall-Port ta' Mombasa fil-Kenja**. Il-mira tal-pjan kien li jingħata kumpens lil 120 sid ta' strutturi fiż-żona ta' Jomvu li tkeċċew f'Mejju 2015 mingħajr il-proċedura dovuta. Filwaqt li l-persuni affettwati rċevew kumpens fi flus, il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti sab illi l-valutazzjoni tal-assi ma ġietx ikkomunikata b'mod trasparenti. Xi persuni affettwati setgħu wkoll tħallew mingħajr kumpens. F'Diċembru 2017, l-ilmentaturi u l-implimentatur tal-proġett qablu li l-Mekkaniżmu tal-Ilmenti seta' jiffaċilita proċess ta' medjazzjoni fl-2018 biex jikkjarifika l-metodoloġija tal-valutazzjoni użata għall-kalkolu tal-kumpens u biex jirrevedi r-riżultat ta' dawk il-valutazzjonijiet.

### Il-Pipeline Trans-Adrijatiku

Magħruf bħala TAP, din hija l-parti tal-Punent proposta tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar mill-fruntiera Griega-Torka sal-Italja li jgħaddi mill-Albanija. L-ilmenti waslu għand il-Bank fi stadju bikri taċ-ċiklu tal-proġett, prinċipalment dwar il-valutazzjoni tal-esproprjazzjonijiet fil-Greċja u l-Albanija. Dawn l-ilmenti ġew iċċirkulati fi ħdan il-Bank għal analiżi matul l-evalwazzjoni tas-self. Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti rreġistra għadd ta' ilmenti minn individwi u komunitajiet fl-Italja li esprimew tħassib dwar ir-riskji ambjentali u industrijali tal-proġett. Fl-2017 il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti rċieva 22 ilment ġdid, għal total ta' 38 ilment dwar it-TAP.

## L-Ombudsman Ewropew

Fl-2017, l-Ombudsman Ewropew informa lill-BEI dwar 11-il ilment ġdid dwar l-attivitajiet tal-Bank. Tlieta minn dawn l-ilmenti kienu dwar dewmien fit-tweġibiet għal ilmenti li kienu diġà ġew sottomessi lill-Bank: Ambatovy Nickel Mining fil-Madagascar; Castor Underground Storage fi Spanja; u allegazzjoni ta' nuqqas li tinħareġ deċiżjoni dwar investigazzjoni ta' kunflitt ta' interessi. L-Ombudsman għalaq dan l-aħħar każ, peress illi l-ilment ġie solvut wara li l-ilmentatur irċieva t-tweġiba tal-BEI. Madankollu, l-Ombudsman għamel spezzjoni fuq il-post tal-fajls tal-Bank fil-każijiet ta' Ambatovy u Castor. Il-konklużjonijiet tal-Ombudsman huma mistennija li jiġu ppubblikati fl-2018. L-ilmenti pendenti totali sa tmiem is-sena rdoppja għal għaxra.

# Il-**Mekkaniżmu tal-Ilmenti** tal-BEI fl-2017

- **114**-il ilment ġdid, 25 aktar milli fl-2016
- **103** ilmenti rreġistrati bħala ammissibbli, 19 aktar
- **173** każ immaniġġjat, 51 aktar
- **101** ilmenti miftuħa sa tmiem is-sena, fejn qabel kien 59

## Reviżjoni ta' politika

Fl-Mejju 2017 wara konsultazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew, il-Bank nieda konsultazzjoni pubblika biex jirrevedi l-politika tal-Mekkaniżmu tal-Ilmenti tal-BEI, fejn f'Ġunju ppreżenta l-bidliet proposti lill-pubbliku u sal-aħħar ta' Settembru żied il-kummenti miġbura bil-miktub. Din ir-reviżjoni perjodika ġġenerat interess sinifikanti minn individwi, u b'mod partikolari, minn Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, li ssottomettew ittra konġunta b'kummenti u proposti estensivi. Il-Bank qiegħed jirrevedi dawn il-kummenti b'attenzjoni bl-objettiv li jimplimenta bidliet fil-politika fl-ewwel nofs tas-sena 2018.



## Il-Metro tal-Kajr

Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti beda medjazzjoni oħra f'Diċembru 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-**proġett tal-Metro tal-Kajr**. Il-proġett involva l-insedjament involontarju ta' bosta komunitajiet, negozji u individwi, inkluż aktar minn 100 sid ta' ħwienet tas-suq ta' El Bohy, fiż-żona ta' Imbaba. Il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti kien diġà rċieva lment mir-rappreżentanti ta' dawn il-gruppi fl-2016, iżda s-sitwazzjoni marret għall-agħar meta s-suq twaqqa' f'Awwissu 2017 mingħajr ma l-komunità kienet aċċettat il-pakkett tal-kumpens. Sa meta seħħ it-twaqqigħ, il-Mekkaniżmu tal-Ilmenti kien diġà ppropona medjazzjoni, li l-implimentatur tal-proġett u l-persuni affettwati minnu kienu qablu li jieħdu sehem fiha. Nuqqas ta' medjazzjoni tiskatta reviżjoni sħiħa tal-ilmenti.

# Attenti

## Investigaturi tal-BEI kixfu għadd ta' irregolaritajiet fl-2017

It-Taqsima ta' Investigazzjonijiet tal-Frodi indipendenti tal-Bank tinvestiga frodi, korruzzjoni u mġiba pprojbita oħra fil-proġetti ffinanzjati mill-Bank. Din twettaq Reviżjonijiet Proattivi tal-Integrità biex tidentifika każijiet li ma ġewx irrappurtati qabel kif ukoll tħarreġ il-persunal tal-Bank, tqajjem kuxjenza u toffri konsulenza lil kollegi dwar il-prevenzjoni u t-trażżin ta' frodi.




### Il-każ Iberinco

L-Uffiċċju tal-Latvja għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni arresta għadd ta' uffiċjali mill-kumpanija "Latvenergo" f'Ġunju 2010. L-Uffiċċju allega l-użu ta' pożizzjonijiet uffiċjali f'mala fede għal skopijiet ta' tixħim u ħasil ta' assi akkwistati b'mod kriminali. Latvenergo kienet tat kuntratt lill-kumpanija Spanjola Iberdrola Ingeniería y Construcción, magħrufa wkoll bħala Iberinco, biex tibni impjant tal-enerġija termali f'Riga, li kien iffinanzjat mill-BEI. Bħala riżultat tal-investigazzjonijiet kriminali u l-proċeduri ġudizzjarji dwar il-korruzzjoni u l-abbuż mill-influwenza li segwew l-arresti oriġinali, f'Diċembru 2017 il-Bank laħaq ftehim ta' ħlas ma' Iberinco.

Taħt dan il-ftehim, Iberinco ġiet eskluża minn proġetti ffinanzjati mill-BEI għal sena. Iberinco u l-Grupp Iberdrola ser jiżviluppaw u jimplimentaw programm speċifiku ta' sponsorship biex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u l-frodi. Matul l-investigazzjoni, Iberinco kkooperat mal-BEI biex tiċċara kwistjonijiet relatati mal-aġir ħażin. Il-kumpanija qiegħda wkoll tieħu passi biex l-impjegati jkunu responsabbli u biex tirrevedi is-sistemi ta' konformità tagħha biex tiżgura li mġieba ħażina bla din ma terġax isseħħ.

## Tipi ta’ allegazzjonijiet
(każijiet miftuħa matul l-2017)




## Każijiet 2017 (Grupp tal-BEI)

- Każijiet ġodda li nfetħu — **149**
- Każijiet totali li ngħalqu — **126**
- Numru totali ta’ każijiet li ħadmet fuqhom — **302**
- Każijiet li għadhom taħt investigazzjoni attiva fi tmiem is-sena — **136**

**SORSI TA’ ALLEGAZZJONIJIET FL-2017**
(applikabbli biss għal każijiet miftuħa fl-2017)

INTERNI **61%** ESTERNI **39%**

## Reviżjoni Proattiva tal-Integrità fuq self lil SMEs

It-Taqsima ta’ Investigazzjonijiet tal-Frodi tal-Bank wettqet bosta Reviżjonijiet Proattivi tal-Integrità fuq self lil banek dwar self ta’ fondi mislufa lil SMEs fl-UE u barra minnha. Ir-reviżjonijiet sabu:

- indikazzjonijiet ta’ mġieba pprojbita u reati kriminali bħal ħasil ta’ flus;
- selfiet ta’ valur għoli lil benefiċjarji allegatament marbuta mal-kuntrabandu ta’ armi u l-kriminalità organizzata;
- kumpaniji tal-isem u selfiet marbuta ma’ persuni esposti politikament;
- selfiet lil benefiċjarji li ma kinux jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà;
- interferenza biex jinbidlu deċiżjonijiet ta’ kreditu mingħajr analiżi kummerċjali.
- Il-banek taw informazzjoni qarrieqa u falza lill-BEI meta l-BEI kien qed japprova l-allokazzjonijiet.

## Ingann tal-phishing

Fl-2017 għadd ta’ inganni tal-“phishing” u tal-internet użaw ħażin l-isem tal-BEI jew tal-persunal u l-maniġment tiegħu biex jippruvaw iqarrqu membri tal-pubbliku biex iħallsu tariffi amministrattivi jew ta’ applikazzjonijiet. Ovvjament, bħala istituzzjoni finanzjarja internazzjonali b’sjieda pubblika, il-BEI ma jiħux ħlasijiet għal servizzi bħal dawn. B’mod aktar importanti fil-kuntest ta’ scams bħal dawn, il-BEI ma jagħtix self lil individwi. Il-frodi inkludiet użu ħażin tal-logo tal-BEI, l-isem u r-reputazzjoni tal-istituzzjoni, posta elettronika falza u siti tal-web paralleli. Ladarba nnotifikata b’dan it-tħassib, it-Taqsima ta’ Investigazzjonijiet tal-Frodi tal-BEI malajr talbet it-tneħħija tas-siti mis-servizz li jospita d-dominju u l-għeluq tal-kontijiet tal-posta elettronika foloz. Il-BEI offra wkoll pariri lill-vittmi biex jikkuntattjaw investigaturi speċjali fl-infurzar tal-liġi nazzjonali.

# Xi jmiss?

## Dawn huma xi punti ewlenin għall-2018 mill-Pjan tal-Operat tal-BEI

- Mira għal firem ġodda ta' tislif: EUR 67 biljun L-għadd ta' operazzjonijiet ser jinżamm, iżda b'daqsijiet iżgħar minħabba riskju ogħla L-Attivitajiet Speċjali jkompli jagħmlu proporzjon dejjem akbar tat-tislif Attivitajiet Speċjali: madwar 25 % tat-tislif totali, EUR 17.3 biljun
- Fl-UE, il-BEI ser ikompli jappoġġa l-għanijiet tal-politiki tal-UE mmirati biex jirrestawraw il-kompetitittività u t-tkabbir ekonomiku fuq żmien twil u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, billi jibni fuq l-esperjenza finanzjarja u teknika tiegħu.
- Barra mill-UE, it-tislif tal-UE ser jiffoka fuq l-espansjoni ta' infrastruttura bażika, bħal toroq, netwerks tal-elettriku u l-provvista tal-ilma.
- Is-servizzi ta' konsulenza ser ikomplu jiżdiedu, bi tbassir ta' 530 assenjazzjoni. Huwa stmat li dawn il-proġetti eventwalment ser jappoġġaw spiża ta' investiment totali ta' EUR 28 biljun.

Issa wasal iż-żmien biex niffokaw fuq l-aġġustamenti strutturali li ser jagħmlu l-Ewropa aktar reżiljenti ekonomikament u jqiegħdu l-ekonomija fuq il-mogħdija lejn tkabbir sostenibbli. Il-Grupp tal-BEI, bħala l-vettura tal-UE għall-investiment, ser ikompli jkollu impatt li jidher kemm ġewwa u barra l-UE.

### Mur online

- Tista' ssib aktar informazzjoni ddettaljata dwar il-Qafas tal-Operat u l-Pjan tal-Operat 2018 fuq www.eib.org/infocentre/publications/all/operational-plan-2018.htm



**Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment**

**Il-Grupp tal-BEI** jikkonsisti fil-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment**
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
+352 4379-1
+352 437704
www.eib.org – info@eib.org

twitter.com/EIB
facebook.com/EuropeanInvestmentBank
youtube.com/EIBtheEUbank

**Il-Fond Ewropew tal-Investiment**
37B, avenue J.F. Kennedy
L-2968 Luxembourg
+352 2485-1
+352 2485-81200
www.eif.org – info@eif.org

RAPPORT
TAL-ATTIVITÀ
**2017**

print: QH-BF-18-001-MT-C ISBN 978-92-861-3662-7 ISSN 2599-6789 doi:10.2867/0301
digital: QH-BF-18-001-MT-N ISBN 978-92-861-3577-4 ISSN 2599-7017 doi:10.2867/910551

